Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Settembru 2018
(OR. en)

12104/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0328 (COD)

CYBER 187
TELECOM 282
CODEC 1456
COPEN 290
COPS 313
COSI 190
CSC 252
CSCI 123
IND 239
JAI 874
RECH 374
ESPACE 39

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Settembru 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 630 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Netwerk ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni *Kontribut mill-Kummissjoni Ewropea għal-laqgħa tal-Mexxejja f'Salzburg mid-19 sal-20 ta' Settembru 2018*

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 630 final.

Mehmuż: COM(2018) 630 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.9.2018
COM(2018) 630 final

2018/0328 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Netwerk ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni

Kontribut mill-Kummissjoni Ewropea għal-laqgħa tal-Mexxejja f'Salzburg mid-19 sal-20 ta' Settembru 2018

{SEC(2018) 396 final} - {SWD(2018) 403 final} - {SWD(2018) 404 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Hekk kif il-ħajja ta' kuljum u l-ekonomiji jsiru dejjem aktar dipendenti fuq it-teknoloġiji diġitali, iċ-ċittadini qed ikunu dejjem aktar esposti għal inċidenti ċibernetiċi serji. Is-sigurtà futura tiddependi fuq it-titjib tal-abbiltà li l-Unjoni tiġi protetta mit-theddid ċibernetiku, minħabba li kemm l-infrastruttura ċivili kif ukoll il-kapaċitajiet militari jiddependu fuq sistemi diġitali siguri.

Sabiex tindirizza l-isfidi li qed jiżdiedu, l-Unjoni żiedet l-attivitajiet tagħha b'mod konsistenti f'dan il-qasam, u bniet fuq l-Istrateġija dwar iċ-Ċibersigurtà tal-2013[1] u l-għanijiet u l-prinċipji tagħha sabiex toħloq ekosistema ċibernetika affidabbli, sikura u miftuħa. Fl-2016, l-Unjoni adottat l-ewwel miżuri tagħha fil-qasam taċ-ċibersigurtà permezz tad-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni.

Fid-dawl ta' ambjent taċ-ċibersigurtà li qed jevolvi b'ritmu mgħaġġel, f'Settembru 2017, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppreżentaw Komunikazzjoni Konġunta[3] dwar "Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE" sabiex ikomplu jsaħħu r-reżiljenza, id-deterrenza u r-rispons tal-Unjoni għall-attakki ċibernetiċi. Il-Komunikazzjoni Konġunta, li hija bbażata fuq inizjattivi preċedenti, stipulat sett ta' azzjonijiet proposti inklużi, fost l-oħrajn, it-tisħiħ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA), il-ħolqien ta' qafas ta' ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà volontarju applikabbli fl-Unjoni Ewropea kollha sabiex tiżdied iċ-ċibersigurtà tal-prodotti u s-servizzi fid-dinja diġitali kif ukoll pjan ta' azzjoni għal rispons imħaffef u kkoordinat għal inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira.

Fil-Komunikazzjoni Konġunta, ġie rikonoxxut li huwa fl-interess strateġiku tal-Unjoni wkoll li tiżgura li żżomm u tiżviluppa kapaċitajiet teknoloġiċi taċ-ċibersigurtà essenzjali sabiex tagħmel is-Suq Uniku Diġitali sigur u, b'mod partikolari, sabiex tipproteġi n-netwerks u s-sistemi tal-informazzjoni u tipprovdi servizzi ta' ċibersigurtà prinċipali. L-Unjoni għandha tkun f'pożizzjoni li tiżgura b'mod awtonomu l-assi diġitali tagħha u li tikkompeti fis-suq taċ-ċibersigurtà globali.

Attwalment, l-Unjoni hija importatur nett ta' prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà u tiddependi ħafna fuq fornituri mhux Ewropej[4]. Is-suq taċ-ċibersigurtà globalment huwa suq ta' EUR 600 biljun li huwa mistenni jkompli jikber fil-ħames snin li ġejjin bi kważi 17 %

---

1 KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL: L-Istrateġija ta' Ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea: Ċiberspazju Miftuħ, Sikur u Sigur JOIN(2013) 1 final

2 Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1).

3 KOMUNIKAZZJONI KONĠUNTA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE, JOIN(2017) 450 final

4 Abbozz tar-Rapport Finali dwar l-Istudju tas-Suq taċ-Ċibersigurtà, 2018

f'termini ta' bejgħ, għadd ta' kumpaniji u impjiegi. Madankollu, fost l-ewwel 20 mill-pajjiżi li qegħdin iwittu t-triq taċ-ċibersigurtà minn perspettiva tas-suq, hemm biss sitt Stati Membri[5].

Fl-istess waqt, fl-Unjoni jeżistu għarfien u esperjenza vasta fil-qasam taċ-ċibersigurtà - aktar minn 660 organizzazzjoni minn madwar l-UE rreġistraw għall-immappjar reċenti taċ-ċentri taċ-ċibersigurtà ta' għarfien espert imwettaq mill-Kummissjoni[6]. Dan l-għarfien espert, jekk jintuża sabiex jinħolqu prodotti u soluzzjonijiet kummerċabbli, jista' jippermetti lill-Unjoni tkopri l-katina ta' valur taċ-ċibersigurtà kollha. Madankollu, l-isforzi tal-komunitajiet ta' riċerka u industrijali huma frammentati, neqsin mill-allinjament u minn missjoni komuni, u dan ixekkel il-kompetittività tal-UE f'dan il-qasam, kif ukoll l-abbiltà tagħha li tagħmel l-assi diġitali tagħha siguri. Is-setturi rilevanti taċ-ċibersigurtà (pereżempju, l-enerġija, l-ispazju, it-trasport ta' difiża) u s-sottosetturi llum il-ġurnata mhumiex appoġġjati b'mod adegwat[7]. Is-sinerġiji bejn is-setturi taċ-ċibersigurtà ċivili u dawk tad-difiża mhumiex sfruttati bis-sħiħ fl-Ewropa.

Il-ħolqien ta' Sħubija Pubblika-Privata ("cPPP") fl-2016 dwar iċ-ċibersigurtà fl-Unjoni kien pass tajjeb lejn it-tlaqqigħ tar-riċerka, l-industrija u l-komunitajiet tas-settur pubbliku sabiex jiġu ffaċilitati r-riċerka u l-innovazzjoni fiċ-ċibersigurtà u fi ħdan il-limiti tal-qafas finanzjarju għal bejn l-2014 u l-2020 għandu jwassal għal riżultati tajbin u aktar iffukati fir-riċerka u l-innovazzjoni. Is-cPPP ippermetta lis-sħab industrijali jesprimu impenn fir-rigward tan-nefqa individwali tagħhom f'oqsma ddefiniti fl-Aġenda Strateġika dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni tas-sħubija.

Madankollu, l-Unjoni tista' timmira għal investiment fuq skala ħafna akbar u teħtieġ mekkaniżmu aktar effettiv li jibni kapaċitajiet li jservu għat-tul, jiġbor l-isforzi u l-kompetenzi u jistimola l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi li jindirizzaw l-isfidi industrijali taċ-ċibersigurtà fil-qasam ta' teknoloġiji ġodda b'diversi skopijiet (pereżempju, l-intelliġenza artifiċjali, l-informatika tal-kwantum, il-blockchain u identitajiet diġitali siguri) kif ukoll f'setturi kritiċi (pereżempju, it-trasport, l-enerġija, is-saħħa, il-finanzi, il-gvern, it-telekomunikazzjoni, il-manifattura, id-difiża, l-ispazju).

Il-Komunikazzjoni Konġunta kkunsidrat il-possibbiltà li tiġi msaħħa l-kapaċità taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni permezz ta' netwerk ta' ċentri ta' kompetenza dwar iċ-ċibersigurtà b'Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fil-qasam taċ-Ċibersigurtà fil-qalba tiegħu. Dan jipprova jikkumplementa l-isforzi ta' bini ta' kapaċità eżistenti f'dan il-qasam fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali. Il-Komunikazzjoni Konġunta esprimiet l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tniedi valutazzjoni tal-impatt fl-2018 sabiex teżamina l-għażliet disponibbli bil-għan li tistabbilixxi l-istruttura. Bħala l-ewwel pass u sabiex tinforma l-ħsieb futur, il-Kummissjoni nediet fażi pilota bħala parti minn Orizzont 2020 sabiex iġġib iċ-ċentri nazzjonali flimkien f'netwerk sabiex jinħoloq momentum ġdid fil-kompetenza dwar iċ-ċibersigurtà u l-iżvilupp tat-teknoloġija.

Waqt is-Summit Diġitali f'Tallinn f'Settembru 2017, il-Kapijiet tal-Istat u l-Gvern appellaw lill-Unjoni sabiex issir "mexxej globali fil-qasam taċ-ċibersigurtà sal-2025, sabiex tiżgura l-fiduċja, il-kunfidenza u l-protezzjoni taċ-ċittadini, il-konsumaturi u l-intrapriżi onlajn tagħna u tippermetti li jkun hemm internet ħieles u regolat mil-liġi."

---

5 Abbozz tar-Rapport Finali dwar l-Istudju tas-Suq taċ-Ċibersigurtà, 2018

6 Rapporti Tekniċi tal-JRC: Ċentri taċ-Ċibersigurtà ta' Għarfien Espert Ewropej, 2018

7 Rapport Tekniku tal-JRC: Riżultati tal-Eżerċizzju tal-Immappjar (Ara l-Anness 4 u 5 għal aktar dettalji)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill[8] adottati f'Novembru 2017, appellaw lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi malajr valutazzjoni tal-impatt tal-għażliet possibbli u tipproponi sa nofs l-2018 l-istrument legali rilevanti għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva.

Il-*Programm Ewropa Diġitali propost mill-Kummissjoni f'Ġunju 2018*[9] jimmira li jkabbar u jimmassimizza l-benefiċċji tat-trasformazzjoni diġitali għaċ-ċittadini u n-negozji Ewropej fl-oqsma politiki rilevanti kollha tal-UE, billi jsaħħaħ il-politiki u jappoġġja l-ambizzjonijiet tas-Suq Uniku Diġitali. Il-programm jipproponi approċċ koerenti u globali lejn l-iżgurar tal-aħjar użu ta' teknoloġiji avvanzati u l-kombinazzjoni xierqa ta' kapaċità teknika u kompetenza tal-bniedem għat-trasformazzjoni diġitali - mhux biss fil-qasam taċ-ċibersigurtà, iżda anki fir-rigward tal-infrastruttura intelliġenti tad-*data*, l-intelliġenza artifiċjali, il-ħiliet avvanzati u l-applikazzjonijiet fl-industrija u fl-oqsma ta' interess pubbliku. Dawn l-elementi huma interdipendenti, jirrinfurzaw lil xulxin b'mod reċiproku u, meta jitrawmu b'mod simultanju, jistgħu jgħinu sabiex tinkiseb l-iskala neċessarja li tippermetti lil ekonomija tad-*data* tiffjorixxi[10]. Il-*Programm Orizzont Ewropa* [11].- il-programm Qafas ta' Riċerka u Innovazzjoni tal-UE li jmiss ukoll iqiegħed iċ-ċibersigurtà fost il-prijoritajiet tiegħu.

F'dan il-kuntest dan ir-Regolament jipproponi l-istabbiliment ta' Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà flimkien ma' netwerk ta' Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali. Dan il-mudell ta' kooperazzjoni magħmul apposta jenħtieġ li jaħdem kif ġej sabiex jistimola l-ekosistema teknoloġika u industrijali Ewropea fil-qasam taċ-ċibersigurtà: Iċ-Ċentru ta' Kompetenza se jiffaċilita u jgħin fil-koordinazzjoni tax-xogħol tan-Netwerk u jrawwem il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà, u b'hekk jixpruna l-aġenda teknoloġika taċ-ċibersigurtà u jiffaċilita l-aċċess għall-għarfien espert li jkun inġabar. B'mod partikolari iċ-Ċentru ta' Kompetenza se jagħmel dan billi jimplimenta partijiet rilevanti tal-programmi Ewropa Diġitali u Orizzont Ewropa billi jalloka għotjiet u jwettaq akkwisti. Fid-dawl tal-investimenti konsiderevoli fiċ-ċibersigurtà li saru f'partijiet oħra tad-dinja u tal-ħtieġa li jiġu kkoordinati u miġbura flimkien ir-riżorsi fl-Ewropa, iċ-Ċentru ta' Kompetenza qed jiġi propost bħala Sħubija Ewropea[12], biex b'hekk jiġu ffaċilitati l-investimenti konġunti mill-Unjoni, mill-Istati Membri u/jew mill-industrija. Għalhekk il-proposta tirrikjedi li l-Istati Membri jikkontribwixxu ammont proporzjonat għall-azzjonijiet taċ-Ċentru ta' Kompetenza u tan-Netwerk. Il-korp deċiżjonali ewlieni huwa l-Bord ta' Tmexxija, li fih jipparteċipaw l-Istati Membri kollha iżda biss dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw finanzjarjament ikollhom id-drittijiet tal-vot. Il-mekkaniżmu tal-votazzjoni fil-Bord ta' Tmexxija jsegwi prinċipju ta' maġġoranza doppja u jirrikjedi 75 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja u 75 % tal-voti. Fid-dawl tar-responsabbiltà tagħha fil-baġit tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha 50 % tal-voti. Fejn xieraq, għall-ħidma tagħha fuq il-Bord ta' Tmexxija, il-Kummissjoni se tagħmel użu mill-għarfien espert tas-Servizz Ewropew għall-

---

8 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE adottata mill-Kunsill dwar l-Affarijiet Ġenerali fl-20 ta' Novembru 2017.

9 COM(2018) 434 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Ewropa Diġitali għall-perjodu 2021-2027

10 Ara SWD(2018) 305

11 COM(2018) 435 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu

12 Kif definit fi COM(2018) 435 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu; u kif imsemmi fi COM(2018) 434 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm Ewropa Diġitali għall-perjodu 2021-2027.

Azzjoni Esterna. Il-Bord ta' Tmexxija huwa megħjun minn Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku biex jiżgura djalogu regolari mas-settur privat, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u partijiet konċernati rilevanti oħra.

F'ħidma mill-qrib man-Netwerk ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà (li tinkludi grupp kbir u varjat ta' atturi involuti fl-iżvilupp tat-teknoloġiji taċ-ċibersigurtà bħal entitajiet ta' riċerka, industriji fuq in-naħa tal-provvista, industriji fuq in-naħa tad-domanda u s-settur pubbliku) stabbilit minn dan ir-Regolament, iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà jkun il-korp prinċipali għar-riżorsi finanzjarji tal-UE ddedikati għaċ-ċibersigurtà skont il-*Programm Ewropa Diġitali* u l-*Programm Orizzont Ewropa* proposti.

Approċċ komprensiv bħal dan jippermetti li ċ-ċibersigurtà tiġi appoġġjata tul il-katina ta' valur kollha, mir-riċerka għall-appoġġ tal-implimentazzjoni u l-adozzjoni ta' teknoloġiji prinċipali. Il-parteċipazzjoni finanzjarja tal-Istati Membri għandha tkun proporzjonata meta mqabbla mal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE għal din l-inizjattiva u hija element indispensabbli għas-suċċess tagħha.

Fid-dawl tal-għarfien espert partikolari tagħha u r-rappreżentazzjoni wiesgħa u rilevanti tal-partijiet ikkonċernati, l-Organizzazzjoni Ewropea taċ-Ċibersigurtà, li hija l-kontroparti tal-Kummissjoni għas-sħubija kuntrattwali pubblika-privata dwar iċ-ċibersigurtà skont Orizzont 2020, għandha tiġi mistiedna tikkontribwixxi għall-ħidma taċ-Ċentru u tan-netwerk.

Barra minn hekk, iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà għandu jfittex li jtejjeb is-sinerġiji bejn id-dimensjonijiet ċivili u tad-difiża taċ-ċibersigurtà. Dan għandu jappoġġja lill-Istati Membri u lil atturi rilevanti oħrajn billi jipprovdi pariri, jaqsam l-għarfien espert u jiffaċilita l-kollaborazzjoni fir-rigward tal-proġett u l-azzjonijiet. Meta jintalab mill-Istati Membri, jista' jaġixxi wkoll bħala maniġer tal-proġetti, b'mod partikolari b'rabta mal-Fond Ewropew għad-Difiża. L-inizjattiva preżenti timmira li tikkontribwixxi għall-indirizzar tal-problemi li ġejjin:

- **Kooperazzjoni insuffiċjenti bejn l-industriji tad-domanda u l-provvista taċ-ċibersigurtà.** In-negozji Ewropej jiffaċċjaw l-isfida li jibqgħu siguri filwaqt li joffru prodotti u servizzi siguri lill-klijenti tagħhom. Madankollu, ħafna drabi, huma ma jkunux jistgħu jagħmlu siguri l-prodotti, is-servizzi u l-assi eżistenti tagħhom jew li jiddisinjaw prodotti u servizzi innovattivi u siguri. L-assi prinċipali taċ-ċibersigurtà ħafna drabi jkunu għaljin wisq sabiex jiġu żviluppati u stabbiliti minn atturi individwali, li l-attività tan-negozju prinċipali tagħhom ma tkunx marbuta maċ-ċibersigurtà. Fl-istess waqt, ir-rabtiet bejn in-naħa tad-domanda u l-provvista tas-suq taċ-ċibersigurtà mhumiex żviluppati kif xieraq u dan iwassal għal provvista subottimali ta' prodotti u soluzzjonijiet Ewropej adatti għall-bżonnijiet ta' setturi differenti, kif ukoll livelli insuffiċjenti ta' fiduċja fost l-atturi tas-suq.
- **Nuqqas ta' mekkaniżmu ta' kooperazzjoni effiċjenti fost l-Istati Membri għall-bini ta' kapaċitajiet industrijali.** Bħalissa, ma jeżistix mekkaniżmu ta' kooperazzjoni effiċjenti sabiex l-Istati Membri jaħdmu flimkien lejn il-bini tal-kapaċitajiet neċessarji li jappoġġjaw l-innovazzjoni fiċ-ċibersigurtà mifruxa mas-setturi industrijali u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet Ewropej taċ-ċibersigurtà teknoloġikament avvanzati. Il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni eżistenti għall-Istati Membri fil-qasam taċ-ċibersigurtà skont id-Direttiva (UE) 2016/1148 ma jipprevedux dan it-tip ta' attivitajiet fil-mandat tagħhom.

- **Kooperazzjoni insuffiċjenti fi ħdan u bejn il-komunitajiet ta' riċerka u industrijali.** Minkejja l-kapaċità teoretika tal-Ewropa li tkopri l-katina ta' valur taċ-ċibersigurtà kollha, jeżistu setturi taċ-ċibersigurtà rilevanti (pereżempju, l-enerġija, l-ispazju, id-difiża, it-trasport) u subsetturi li llum il-ġurnata mhumiex appoġġjati kif xieraq mill-komunità ta' riċerka jew appoġġjati biss minn għadd limitat ta' ċentri (pereżempju, il-kriptografija postkwantum u tal-kwantum, il-fiduċja u ċ-ċibersigurtà fl-Intelliġenza Artifiċjali). Filwaqt li din il-kollaborazzjoni ovvjament teżisti, ħafna drabi tkun arranġament ta' xorta ta' konsulenza fuq terminu qasir, li ma tippermettix l-involviment fi pjanijiet ta' riċerka fuq terminu twil sabiex jissolvew l-isfidi industrijali taċ-ċibersigurtà.
- **Kooperazzjoni insuffiċjenti bejn komunitajiet ta' riċerka u tal-innovazzjoni fiċ-ċibersigurtà ċivili u tad-difiża.** Il-problema tal-livelli insuffiċjenti ta' kooperazzjoni tikkonċerna wkoll lill-komunitajiet ċivili u ta' difiża. Is-sinerġiji eżistenti ma jintużawx bis-sħiħ minħabba nuqqas ta' mekkaniżmi effiċjenti sabiex jippermettu lil dawn il-komunitajiet jikkooperaw b'mod effiċjenti u jibnu l-fiduċja li, saħansitra aktar minn oqsma oħrajn, hija prerekwiżit għal kooperazzjoni li tirnexxi. Dan flimkien ma' kapaċitajiet finanzjarji limitati fis-suq taċ-ċibersigurtà tal-UE, inklużi fondi insuffiċjenti sabiex tiġi appoġġjata l-innovazzjoni.
- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

In-netwerk ta' kompetenza fiċ-Ċibersigurtà u ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà se jaġixxu bħala appoġġ addizzjonali għad-dispożizzjonijiet ta' politika u l-atturi taċ-ċibersigurtà. Il-mandat taċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà se jkun kumplimentari għall-isforzi tal-ENISA iżda għandu fokus differenti u jeħtieġ sett ta' ħiliet differenti. Filwaqt li l-mandat tal-ENISA jipprevedi rwol konsultattiv fir-rigward tar-riċerka u l-innovazzjoni fiċ-ċibersigurtà fl-UE, il-mandat propost tagħha jiffoka, l-ewwel u qabel kollox, fuq kompiti oħrajn li huma kruċjali għat-tisħiħ tar-reżiljenza taċ-ċibersigurtà fl-UE. Barra minn hekk, il-mandat tal-ENISA ma jipprevedix tipi ta' attivitajiet, li jkunu l-kompiti prinċipali taċ-Ċentru u n-Netwerk - li jistimolaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tat-teknoloġija fiċ-ċibersigurtà u jikkumplementaw l-isforzi ta' bini tal-kapaċitajiet: f'dan il-qasam fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali.

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà, flimkien man-netwerk ta' kompetenza fiċ-Ċibersigurtà wkoll se jaħdmu sabiex ikunu jistgħu jappoġġjaw ir-riċerka sabiex jiġu ffaċilitati u aċċellerati l-proċessi ta' standardizzazzjoni u ċertifikazzjoni, partikolarment dawk relatati mal-iskemi ta' ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà fi ħdan it-tifsira tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà propost[13][14].

L-inizjattiva preżenti qed tespandi *de facto* s-Sħubija Pubblika-Privata dwar iċ-Ċibersigurtà (cPPP), li kienet l-ewwel tentattiv mifrux mal-UE kollha sabiex titlaqqa' flimkien l-industrija

[13] Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-ENISA, "l-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà" u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013, u li jikkonċerna ċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni ("l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà", COM(2017) 477 final/3)

[14] Dan huwa mingħajr ħsara għall-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, li fihom l-awtoritajiet ta' protezzjoni tad-*data* għandhom rwol x'jaqdu, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE ("Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*")

taċ-ċibersigurtà, in-naħa tad-domanda (xerrejja ta' prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà, inklużi l-amministrazzjoni pubblika u setturi kritiċi bħat-trasport, is-saħħa, l-enerġija, il-finanzi) u l-komunità ta' riċerka sabiex tinbena l-pjattaforma tad-djalogu sostenibbli u jinħolqu kundizzjonijiet għal koinvestiment volontarju. Is-cPPP inħolqot fl-2016 u wasslet għal investiment li jlaħħaq sa EUR 1,8 biljun sal-2020. Madankollu, l-iskala tal-investiment li qed isir f'partijiet oħrajn tad-dinja (pereżempju, l-Istati Uniti investew 19-il biljun dollaru fiċ-ċibersigurtà fl-2017 biss) turi li l-UE jeħtieġ li taħdem aktar sabiex tilħaq massa kritika ta' investiment u sabiex tegħleb il-frammentazzjoni tal-kapaċitajiet mifruxin mal-UE kollha.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà se jaġixxi bħala korp uniku ta' implimentazzjoni għal diversi programmi tal-Unjoni li jappoġġjaw iċ-ċibersigurtà (Il-Programm Ewropa Diġitali u Orizzont Ewropa) u jtejjeb il-koerenza u s-sinerġiji bejniethom.

Din l-inizjattiva se tippermetti wkoll li jiġu kkumplementati l-isforzi tal-Istati Membri billi jingħata l-input xieraq lil dawk li jfasslu l-politika tal-edukazzjoni sabiex jiġu mtejbin il-ħiliet taċ-ċibersigurtà (pereżempju bit-tfassil ta' kurrikuli dwar iċ-ċibersigurtà fis-sistemi edukattivi ċivili u militari) sabiex tiġi mrawma forza tax-xogħol fl-UE li tkun kwalifikata fiċ-ċibersigurtà - vantaġġ prinċipali għall-kumpaniji taċ-ċibersigurtà kif ukoll għal industriji oħrajn li għandhom interess fiċ-ċibersigurtà. Fir-rigward tal-edukazzjoni u t-taħriġ fid-difiża ċibernetika, din l-inizjattiva se tkun konsistenti mal-ħidma kontinwa tal-pjattaforma għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-eżerċizzji fil-qasam tad-difiża ċibernetika li ġiet stabbilita taħt il-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża.

Din l-inizjattiva se tikkumplementa u tappoġġja l-isforzi tal-Hubs tal-Innovazzjoni Diġitali skont il-Programm Ewropa Diġitali. Il-Hubs tal-Innovazzjoni Diġitali huma organizzazzjonijiet li ma jagħmlux qligħ li jgħinu lill-kumpaniji - speċjalment dawk ġodda, SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja - isiru aktar kompetittivi billi jtejbu l-proċessi tan-negozju/produzzjoni tagħhom, kif ukoll il-prodotti u s-servizzi permezz ta' innovazzjoni intelliġenti li tkun tista' ssir permezz tat-teknoloġija diġitali. Il-Hubs tal-Innovazzjoni Teknoloġika jipprovdu servizzi ta' innovazzjoni orjentata lejn in-negozji, bħall-intelliġenza tas-suq, il-konsulenza finanzjarja, l-aċċess għal faċilitajiet ta' ttestjar u esperimentazzjoni rilevanti u l-iżvilupp tat-taħriġ u l-ħiliet sabiex prodotti jew servizzi ġodda jirnexxilhom jilħqu s-suq jew sabiex jiġu introdotti proċessi ta' produzzjoni mtejbin. Xi Hubs tal-Innovazzjoni Diġitali, b'għarfien espert speċifiku dwar iċ-ċibersigurtà, jistgħu jkunu involuti direttament f'komunità ta' kompetenza fiċ-ċibersigurtà stabbilita minn din l-inizjattiva. Madankollu, f'ħafna mill-każijiet, il-Hubs tal-Innovazzjoni Diġitali, li ma għandhomx profil taċ-ċibersigurtà speċifiku, jiffaċilitaw l-aċċess tal-kostitwenza tagħhom għall-għarfien espert, l-għarfien u l-kapaċitajiet fil-qasam taċ-ċibersigurtà disponibbli fi ħdan il-komunità ta' kompetenza fiċ-ċibersigurtà permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib man-Netwerk ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni u ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà. Il-Hubs tal-Innovazzjoni Diġitali jappoġġjaw ukoll l-implimentazzjoni ta' prodotti u soluzzjonijiet innovattivi taċ-ċibersigurtà li jikkorrespondu għall-ħtiġijiet tal-kumpaniji u ta' utenti aħħarin oħrajn li jaqdu. L-aħħar, iżda mhux l-anqas, il-Hubs tal-Innovazzjoni Diġitali li jkunu speċifiċi għal settur partikolari jistgħu jaqsmu l-għarfien tagħhom ta' ħtiġijiet settorjali reali man-Netwerk u ċ-Ċentru sabiex jistimolaw ir-riflessjoni dwar l-aġenda tar-riċerka u l-innovazzjoni li tissodisfa r-rekwiżiti industrijali.

Se jiġu mfittxija sinerġiji ma' Komunitajiet tal-Għarfien u l-Innovazzjoni rilevanti tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u, b'mod partikolari, ma' EIT Digital.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jiġi stabbilit fuq bażi ġuridika doppja minħabba n-natura u l-għanijiet speċifiċi tiegħu. L-Artikolu 187 tat-TFUE, li jistabbilixxi l-istrutturi meħtieġa għall-eżekuzzjoni effiċjenti tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-programmi ta' dimostrazzjoni tal-Unjoni, jippermetti liċ-Ċentru ta' Kompetenza joħloq sinerġiji u jiġbor flimkien ir-riżorsi sabiex jinvesti fil-kapaċitajiet neċessarji fil-livell tal-Istati Membri u jiżviluppa assi kondiviżi Ewropej (pereżempju, bl-akkwist konġunt tal-infrastruttura neċessarja taċ-ċibersigurtà ta' ttestjar u esperimentazzjoni). L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 188 jipprevedi l-adozzjoni tat-tali miżuri. Madankollu, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 188 bħala l-unika bażi ġuridika ma jippermettix li l-attivitajiet imorru lil hinn mill-isfera tar-riċerka u l-iżvilupp kif inhu meħtieġ sabiex jiġi ssodisfat l-għan taċ-Ċentru ta' Kompetenza stipulat f'dan ir-Regolament sabiex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni fis-suq ta' prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà, tingħata l-għajnuna lill-industrija Ewropea taċ-ċibersigurtà sabiex issir aktar kompetittiva u żżid is-sehem tas-suq tagħha u jiżdied il-valur tal-isforzi nazzjonali fl-indirizzar tan-nuqqasijiet fir-rigward tal-ħiliet taċ-ċibersigurtà. Għaldaqstant, sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, huwa neċessarju li jiżdied l-Artikolu 173(3) bħala bażi ġuridika li tippermetti lill-Unjoni tipprevedi miżuri li jappoġġjaw il-kompetittività tal-industrija.

- **Ġustifikazzjoni għal proposta f'termini tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità**

Iċ-ċibersigurtà hija kwistjoni ta' interess komuni għall-Unjoni, kif ġie kkonfermat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill li ssemmew aktar 'il fuq. L-iskala u n-natura transkonfinali ta' inċidenti bħal *WannaCry* jew *NonPetya* huma eżempju ċar. In-natura u l-iskala tal-isfidi teknoloġiċi taċ-ċibersigurtà, kif ukoll koordinazzjoni insuffiċjenti tal-isforzi fi ħdan u mifruxin mal-industrija, is-settur pubbliku u l-komunitajiet ta' riċerka jitolbu li l-UE tkompli tappoġġja l-isforzi ta' koordinazzjoni kemm sabiex tiġbor massa kritika ta' riżorsi kif ukoll sabiex tiżgura li jkun hemm għarfien aħjar u ġestjoni aħjar tal-assi. Dan huwa meħtieġ fid-dawl tar-rekwiżiti tar-riżorsi relatati ma' ċerti kapaċitajiet għar-riċerka, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni taċ-ċibersigurtà; il-ħtieġa li jiġi pprovdut l-aċċess għall-għarfien interdixxiplinari dwar iċ-ċibersigurtà fir-rigward ta' dixxiplini differenti (li ħafna drabi jkun disponibbli biss parzjalment fil-livell nazzjonali); in-natura globali tal-ktajjen ta' valur industrijali, kif ukoll l-attività ta' kompetituri globali li jaħdmu fi swieq differenti.

Dan jirrikjedi riżorsi u għarfien fuq livell li huwa diffiċli li jintlaħaq permezz tal-azzjoni individwali ta' kwalunkwe Stat Membru. Pereżempju, netwerk tal-komunikazzjoni tal-kwantum pan-Ewropew jista' jirrikjedi investiment min-naħa tal-UE ta' madwar EUR 900 miljun, skont l-investimenti mill-Istati Membri (li għandhom jiġu interkonnessi/kumplementati) u sa liema punt it-teknoloġija tippermetti l-użu mill-ġdid ta' infrastruttura eżistenti. L-inizjattiva se tkun strumentali sabiex jinġabar flimkien il-finanzjament u sabiex tippermetti li dan it-tip ta' investiment isir fl-Unjoni.

L-objettivi tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu kompletament mill-Istati Membri waħedhom. Kif intwera fuq, dawn jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni permezz tal-ġbir flimkien tal-isforzi u l-evitar tad-duplikazzjoni mhix neċessarja tagħhom, filwaqt li jgħinu sabiex tintlaħaq massa kritika ta' investiment u jiżguraw li l-finanzjament pubbliku jintuża b'mod ottimali. Fl-istess waqt, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan. L-azzjoni tal-UE hi, għaldaqstant, iġġustifikata għar-raġunijiet tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

Dan l-istrument ma jipprevedix obbligi regolatorji ġodda għan-negozji. Fl-istess waqt, in-negozji, b'mod speċjali l-SMEs, huwa probabbli li jnaqqsu l-kostijiet relatati mal-isforzi tagħhom fid-disinn ta' prodotti innovattivi ċibernetikament siguri minħabba li l-inizjattiva tippermetti l-ġbir flimkien tar-riżorsi sabiex isir investiment fil-kapaċitajiet neċessarji fil-livell tal-Istati Membri jew sabiex jiġu żviluppati assi kondiviżi Ewropej (pereżempju bl-akkwist konġunt ta' infrastruttura ta' ttestjar u esperimentazzjoni taċ-ċibersigurtà). Dawn l-assi jistgħu jintużaw mill-industriji u l-SMEs f'setturi differenti sabiex jiżguraw li l-prodotti tagħhom ikunu siguri ċibernetikament u jdawru ċ-ċibersigurtà f'vantaġġ kompetittiv għalihom.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost jistabbilixxi korp iddedikat għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' ċibersigurtà skont il-Programm Ewropa Diġitali u l-Programm Orizzont Ewropa. Dan jiddeskrivi l-mandat tiegħu, il-kompiti tiegħu kif ukoll l-istruttura ta' governanza tiegħu. L-istabbiliment ta' korp tal-Unjoni bħal dan jirrikjedi l-adozzjoni ta' Regolament.

3. KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-proposta sabiex jitwaqqaf netwerk ta' kompetenza fiċ-Ċibersigurtà b'Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà hija inizjattiva ġdida. Dan jaġixxi bħala kontinwazzjoni u espansjoni tas-Sħubija Pubblika-Privata kuntrattwali dwar iċ-ċibersigurtà maħluqa fl-2016.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Iċ-ċibersigurtà hija suġġett wiesa' u transsettorjali. Il-Kummissjoni użat metodi ta' konsultazzjoni differenti sabiex tiżgura li l-interess pubbliku ġenerali tal-Unjoni - differenti mill-interessi speċjali ta' faxxa limitata ta' gruppi ta' partijiet ikkonċernati - ikun rifless b'mod xieraq f'din l-inizjattiva. Dan il-metodu jiżgura t-trasparenza u l-akkontabbiltà fix-xogħol tal-Kummissjoni. Filwaqt li ma saret l-ebda konsultazzjoni pubblika miftuħa b'mod speċifiku għal din l-inizjattiva meta titqies l-udjenza fil-mira tagħha (il-komunità industrijali u ta' riċerka u l-Istati Membri), it-tematika kienet diġà koperta minn diversi konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħin oħrajn:

- Konsultazzjoni pubblika ġenerali miftuħa mwettqa fl-2018 dwar is-suġġett tal-investiment, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-SMEs u s-suq uniku.
- Konsultazzjoni pubblika onlajn mifruxa fuq 12-il ġimgħa li tnediet fl-2017 sabiex jitfittxu l-opinjonijiet tal-pubbliku usa' (madwar 90 rispondent) dwar l-evalwazzjoni u r-reviżjoni tal-ENISA.
- Konsultazzjoni pubblika onlajn mifruxa fuq 12-il ġimgħa li saret fl-2016 fl-okkażjoni tat-tnedija tas-sħubija pubblika-privata kuntrattwali dwar iċ-ċibersigurtà (madwar 240 rispondent).

Il-Kummissjoni organizzat ukoll konsultazzjonijiet immirati fir-rigward ta' din l-inizjattiva, inklużi sessjonijiet ta' ħidma, laqgħat u talbiet immirati għall-input (mill-ENISA u l-Aġenzija Ewropea tad-Difiża). Il-perjodu ta' konsultazzjoni kien mifrux fuq sitt xhur, jiġifieri bejn Novembru 2017 u Marzu 2018. Il-Kummissjoni wettqet ukoll eżerċizzju ta' mmappjar taċ-ċentri ta' għarfien espert, li ppermetta li jinġabar l-input minn 665 ċentru ta' għarfien espert dwar iċ-ċibersigurtà dwar l-għarfien, l-attività, l-oqsma ta' ħidma u l-kooperazzjoni internazzjonali tagħhom. L-istħarriġ tnieda f'Jannar u t-tweġibiet għall-istħarriġ li ġew sottomessi sat-08 ta' Marzu 2018 ġew ikkunsidrati għall-analiżi tar-rapport.

Il-partijiet ikkonċernati mill-komunitajiet industrijali u ta' riċerka kkunsidraw li ċ-Ċentru ta' Kompetenza u n-Netwerk jistgħu jżidu l-valur tal-isforzi kurrenti fil-livell nazzjonali billi jgħinu sabiex tinħoloq ekosistema taċ-ċibersigurtà mifruxa mal-Ewropa kollha li tippermetti kooperazzjoni aħjar bejn il-komunitajiet tar-riċerka u dawk industrijali. Huma kkunsidraw ukoll li huwa neċessarju li l-UE u l-Istati Membri jqisu perspettiva proattiva, strateġika u għal terminu ta' żmien itwal lejn il-politika industrijali taċ-ċibersigurtà, li tmur lil hinn minn sempliċement riċerka u innovazzjoni. Il-partijiet ikkonċernati esprimew il-bżonn li jinkiseb aċċess għal kapaċitajiet prinċipali bħal faċilitajiet ta' ttestjar u esperimentazzjoni u li jkun hemm ambizzjoni akbar fl-indirizzar tan-nuqqasijiet fir-rigward tal-ħiliet taċ-ċibersigurtà, pereżempju permezz ta' proġetti Ewropej fuq skala kbira li jattiraw l-aqwa talent. Dan kollu li ssemma' fuq kien meqjus ukoll bħala neċessarju sabiex l-Unjoni tiġi rikonoxxuta globalment bħala pijuniera fiċ-ċibersigurtà.

L-Istati Membri, fil-qafas tal-attivitajiet ta' konsultazzjoni li saru minn Settembru li għadda [15]kif ukoll fi ħdan Konklużjonijiet tal-Kunsill iddedikati[16] laqgħu l-intenzjoni li jiġi stabbilit netwerk ta' kompetenza fiċ-Ċibersigurtà sabiex jiġu stimolati l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji taċ-ċibersigurtà, filwaqt li enfasizzaw il-bżonn li l-Istati Membri kollha u ċ-ċentri ta' eċċellenza u kompetenza eżistenti tagħhom jiġu inklużi u li tingħata kunsiderazzjoni speċjali għall-kumplementarjetà. B'mod speċifiku fir-rigward taċ-Ċentru ta' Kompetenza futur, l-Istati Membri saħqu fuq l-importanza tar-rwol ta' koordinazzjoni tiegħu fl-appoġġ tan-netwerk. B'mod partikolari fir-rigward tal-attivitajiet nazzjonali u l-bżonnijiet fid-difiża ċibernetika, l-eżerċizzju tal-immappjar dwar il-bżonnijiet tal-Istati Membri fil-qasam tad-difiża ċibernetika li twettaq mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna f'Marzu 2018 wera li l-maġġoranza tal-Istati Membri jaraw il-valur miżjud fl-appoġġ tal-UE għat-taħriġ u l-edukazzjoni ċibernetiċi kif ukoll f'li tiġi appoġġjata l-industrija permezz tar-riċerka u l-iżvilupp[17]. L-inizjattiva tkun tabilħaqq implimentata flimkien mal-Istati Membri jew l-entitajiet appoġġjati minnhom. Il-kollaborazzjonijiet bejn il-komunitajiet tal-industrija, ta' riċerka u/jew tas-settur pubbliku jlaqqgħu flimkien u jsaħħu l-entitajiet u l-isforzi eżistenti u mhux joħolqu oħrajn ġodda. L-Istati Membri wkoll jkunu involuti fid-definizzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi li jkollhom fil-mira s-settur pubbliku bħala utent dirett tat-teknoloġija u l-għarfien taċ-ċibersigurtà.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Valutazzjoni tal-Impatt li tappoġġja din l-inizjattiva ġiet sottomessa lill-Bord ta' Skrutinju Regolatorju fil-11 ta' April 2017 u ngħatat opinjoni pożittiva b'ċerti riżervi. Sussegwentement, il-Valutazzjoni tal-Impatt ġiet riveduta fid-dawl tal-kummenti tal-Bord. L-Opinjoni tal-Bord u l-Anness li jispjega kif ġew indirizzati l-kummenti tal-Bord huma ppubblikati flimkien ma' din il-proposta.

Għadd ta' għażliet ta' politika ġew ikkunsidrati fil-Valutazzjoni tal-Impatt, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi. L-għażliet li ġejjin inżammu sabiex issirilhom valutazzjoni bir-reqqa:

---

15 Pereżempju, Diskussjoni madwar mejda f'livell għoli mal-Istati Membri, VP Ansip, il-Kummissarju Gabriel, il-5 ta' Diċembru 2017

16 Il-Kunsill Affarijiet Ġenerali: Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE (l-20 ta' Novembru 2017)

17 EEAS, Marzu 2018

- Ix-xenarju bażi - l-Għażla Kollaborattiva - tassumi kontinwazzjoni tal-approċċ kurrenti lejn il-bini ta' kapaċitajiet industrijali u teknoloġiċi taċ-ċibersigurtà fl-UE permezz tal-appoġġ tar-riċerka u l-innovazzjoni u mekkaniżmi ta' kollaborazzjoni relatati skont FP9.
- Għażla 1: Netwerk ta' kompetenza fiċ-Ċibersigurtà b'Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà b'mandat doppju sabiex jimmira għal miżuri b'appoġġ għat-teknoloġiji industrijali, kif ukoll fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni.
- Għażla 2: Netwerk ta' kompetenza fiċ-Ċibersigurtà b'Ċentru Ewropew ta' Riċerka u ta' Kompetenza fil-qasam taċ-Ċibersigurtà ffukat fuq attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni

L-għażliet li twarrbu fi stadju bikri kienu jinkludu 1) l-għażla li ma tittieħed l-ebda azzjoni, 2) l-għażla li jinħoloq biss in-netwerk ta' kompetenza fiċ-Ċibersigurtà, 3) l-għażla li tinħoloq biss struttura ċentralizzata, kif ukoll 4) l-għażla li tintuża aġenzija eżistenti (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni - (ENIS), l-Aġenzija Eżekuttiva ta' Riċerka (REA) jew l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA).

L-analiżi kkonkludiet li l-Għażla 1 hija l-aktar waħda adatta sabiex jintlaħqu l-miri tal-inizjattiva filwaqt li jiġi offrut l-ogħla impatt ekonomiku, soċjetali u ambjentali u jiġu ssalvagwardjati l-interessi tal-Unjoni. L-argumenti prinċipali favur din l-għażla kienu jinkludu l-abbiltà li tinħoloq politika industrijali taċ-ċibersigurtà reali billi jiġu appoġġjati l-attivitajiet li huma marbutin mhux biss mar-riċerka u l-iżvilupp iżda anki mal-implimentazzjoni fis-suq; il-flessibbiltà li l-mudelli ta' kooperazzjoni differenti fin-netwerk taċ-ċentri ta' kompetenza jitħallew jottimizzaw l-użu tal-għarfien u r-riżorsi eżistenti; l-abbiltà li jiġu strutturati l-kooperazzjoni u l-impenji konġunti tal-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati li jiġu mis-setturi rilevanti kollha, inkluż is-settur tad-difiża; L-aħħar, iżda mhux l-anqas, l-Għażla 1 tippermetti wkoll sinerġiji miżjudin u tista' taġixxi bħala mekkaniżmu ta' implimentazzjoni għal żewġ flussi ta' finanzjament differenti taċ-ċibersigurtà tal-UE skont il-qafas finanzjarju Pluriennali li jmiss (il-Programm Ewropa Diġitali, Orizzont Ewropa).

- **Drittijiet fundamentali**

Din l-inizjattiva se tippermetti lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-industriji fl-Istati Membri kollha li b'mod aktar effettiv jipprevjenu u jirrispondu għal theddid ċibernetiku billi toffri u tgħammar lilha nnifisha bi prodotti u soluzzjonijiet aktar siguri. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-protezzjoni tal-aċċess għal servizzi essenzjali (pereżempju, servizzi tat-trasport, tas-saħħa, tal-ibbankjar u tal-finanzi).

Il-kapaċità miżjuda tal-Unjoni Ewropea sabiex tassigura b'mod awtonomu l-prodotti u s-servizzi tagħha wkoll hija probabbli li tgħin liċ-ċittadini jgawdu d-drittijiet demokratiċi tagħhom u l-valuri tagħhom (pereżempju, jipproteġu aħjar d-drittijiet marbutin mal-informazzjoni tagħhom imnaqqxin fil-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali, partikolarment id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali u tal-ħajja privata) u konsegwentement tiżdied il-fiduċja tagħhom fis-soċjetà u l-ekonomija diġitali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà, f'kooperazzjoni man-netwerk ta' kompetenza fiċ-ċibersigurtà, se jkun il-korp ta' implimentazzjoni prinċipali għar-riżorsi finanzjarji tal-UE ddedikati għaċ-ċibersigurtà skont il-programmi Ewropa Diġitali u Orizzont Ewropa.

L-implikazzjonijiet baġitarji marbutin mal-implimentazzjoni ta' Ewropa Diġitali huma elenkati fid-dettall fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva mehmuża ma' din il-proposta. Il-kontribuzzjoni mill-pakkett finanzjarju tar-raggruppament "Soċjetà Inklużiva u Sigura" tal-Pilastru II "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali" ta' Orizzont Ewropa (pakkett totali ta' EUR 2 800 000 000) msemmija fl-Artikolu 21(1)(b) se tiġi proposta mill-Kummissjoni waqt il-proċess leġiżlattiv u, fi kwalunkwe każ, qabel ma jintlaħaq ftehim politiku. Il-proposta se tkun ibbażata fuq ir-riżultat tal-proċess ta' ppjanar strateġiku kif inhu ddefinit fl-Artikolu 6 (6) tar-Regolament XXX [il-programm qafas Orizzont Ewropa].

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Klawsola dwar l-evalwazzjoni espliċita, li permezz tagħha l-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni indipendenti, hija prevista f'din il-proposta (l-Artikolu 38). Sussegwentement, il-Kummissjoni se tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fuq l-evalwazzjoni tagħha, flimkien ma' proposta għal reviżjoni tagħha, meta xieraq, biex jitkejlu l-impatt tar-Regolament u l-valur miżjud tiegħu. Fl-evalwazzjoni se tiġi applikata l-metodoloġija tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar.

Id-Direttur Eżekuttiv għandu jippreżenta lill-Bord ta' Tmexxija b'evalwazzjoni *ex-post* tal-attivitajiet taċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u tan-Netwerk kull sentejn, kif inhu stipulat fl-Artikolu 17 ta' din il-proposta. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jħejji wkoll pjan ta' azzjoni ta' segwitu rigward il-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet retrospettivi, u darba kull sentejn jirrapporta dwar il-progress lill-Kummissjoni. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun responsabbli mill-monitoraġġ tas-segwitu xieraq ta' tali konklużjonijiet, kif inhu stipulat fl-Artikolu 16 ta' din il-proposta.

L-allegazzjonijiet ta' istanzi ta' amministrazzjoni ħażina tal-attivitajiet tal-korp ġuridiku jistgħu jkunu soġġetti għal investigazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 228 tat-Trattat.

2018/0328 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Netwerk ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni

Kontribut mill-Kummissjoni Ewropea għal-laqgħa tal-Mexxejja f'Salzburg mid-19 sal-20 ta' Settembru 2018

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 173(3) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 188 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[18],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[19],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-ħajjiet tagħna ta' kuljum u l-ekonomiji qed isiru dejjem aktar dipendenti fuq it-teknoloġiji diġitali, iċ-ċittadini qed isiru dejjem aktar esposti għal inċidenti ċibernetiċi serji. Is-sigurtà futura tiddependi, fost l-oħrajn, fuq it-titjib tal-abbiltà teknoloġika u industrijali li l-Unjoni tiġi protetta minn theddid ċibernetiku, minħabba li kemm il-kapaċitajiet tal-infrastruttura ċivili kif ukoll dawk militari jiddependu fuq sistemi diġitali siguri.

(2) L-Unjoni qed iżżid l-attivitajiet tagħha b'mod kostanti sabiex tindirizza sfidi ċibernetiċi li qed jiżdiedu skont l-Istrateġija dwar iċ-Ċibersigurtà tal-2013[20] li hija mmirata sabiex trawwem ekosistema diġitali affidabbli, sikura u miftuħa. Fl-2016, l-Unjoni adottat l-ewwel miżuri fil-qasam taċ-ċibersigurtà permezz tad-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21] dwar is-sigurtà tas-sistemi tan-netwerk u tal-informazzjoni.

---

18 ĠU C , p. .

19 ĠU C , , p. .

20 Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: L-Istrateġija ta' Ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea: Ċiberspazju Miftuħ, Sikur u Sigur JOIN(2013) 1 final.

21 Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1).

(3) F'Settembru 2017, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika dwar is-Sigurtà ppreżentaw Komunikazzjoni Konġunta[22] dwar "Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE" sabiex ikomplu jsaħħu r-reżiljenza, id-deterrenza u r-rispons tal-Unjoni għall-attakki ċibernetiċi.

(4) Waqt is-Summit Diġitali f'Tallinn f'Settembru 2017, il-Kapijiet tal-Istat u l-Gvern appellaw lill-Unjoni sabiex issir "mexxej globali fil-qasam taċ-ċibersigurtà sal-2025, sabiex tiżgura l-fiduċja, il-kunfidenza u l-protezzjoni taċ-ċittadini, il-konsumaturi u l-intrapriżi onlajn tagħna u tippermetti li jkun hemm internet ħieles u regolat mil-liġi."

(5) Disturb sostanzjali fis-sistemi tan-netwerk u tal-informazzjoni jista' jaffettwa lil Stati Membri individwali u lill-Unjoni kollha. Għalhekk is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni hija essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Bħalissa, l-Unjoni tiddependi fuq fornituri taċ-ċibersigurtà minn barra l-UE. Madankollu, huwa fl-interess strateġiku tal-Unjoni li hija żżomm u tiżviluppa kapaċitajiet teknoloġiċi taċ-ċibersigurtà essenzjali sabiex tiżgura s-Suq Uniku Diġitali tagħha, u b'mod partikolari sabiex tipproteġi s-sistemi kritiċi tan-netwerks u tal-informazzjoni u sabiex tipprovdi servizzi taċ-ċibersigurtà prinċipali.

(6) Fl-Unjoni wieħed isib minjiera ta' għarfien espert u esperjenza fil-qasam tar-riċerka, it-teknoloġija u l-iżvilupp industrijali taċ-ċibersigurtà, iżda l-isforzi tal-komunitajiet industrijali u ta' riċerka huma frammentati u neqsin mill-allinjament u minn missjoni komuni; affarijiet li jxekklu l-kompetittività f'dan il-qasam. Dawn l-isforzi u l-għarfien espert jeħtieġ li jiġu miġburin, imqiegħdin f'netwerk u użati b'mod effiċjenti sabiex isaħħu u jikkumplimentaw il-kapaċitajiet eżistenti tar-riċerka, it-teknoloġija u l-industrija fil-livelli tal-Unjoni u nazzjonali.

(7) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati f'Novembru 2017 appellaw lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi malajr valutazzjoni tal-impatt tal-għażliet possibbli sabiex jinħoloq netwerk ta' ċentri ta' kompetenza fil-qasam taċ-ċibersigurtà maċ-Ċentru Ewropew ta' Riċerka u Kompetenza u sabiex tipproponi sa nofs l-2018 l-istrument legali rilevanti.

(8) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jkun l-istrument prinċipali tal-Unjoni sabiex jinġabar l-investiment għar-riċerka fiċ-ċibersigurtà, it-teknoloġija u l-iżvilupp industrijali u sabiex jiġu implimentati proġetti u inizjattivi rilevanti flimkien man-Netwerk ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. Dan jenħtieġ li jwassal appoġġ finanzjarju marbut maċ-ċibersigurtà mill-programmi Orizzont Ewropa u Ewropa Diġitali, u jenħtieġ li jkun miftuħ għall-Fond Reġjonali ta' Żvilupp Ewropew u programmi oħrajn, fejn dan ikun xieraq. Dan l-approċċ jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' sinerġiji u għall-koordinazzjoni tal-appoġġ finanzjarju marbut mar-riċerka, l-innovazzjoni, it-teknoloġija u l-iżvilupp industrijali taċ-ċinersigurtà u sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni.

(9) Meta jitqies li l-għanijiet ta' din l-inizjattiva jistgħu jintlaħqu bl-aħjar mod jekk l-Istati Membri kollha jew kemm-il Stat Membru possibbli jipparteċipaw, u bħala inċentiv għall-Istati Membri sabiex jipparteċipaw, jenħtieġ li biss l-Istati Membri li jikkontribwixxu finanzjarjament għall-kostijiet amministrattivi u operazzjonali taċ-Ċentru ta' Kompetenza jkollhom id-drittijiet tal-vot.

---

[22] Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE", JOIN(2017) 450 final.

(10) Il-parteċipazzjoni finanzjarja tal-Istati Membri parteċipanti jenħtieġ li tkun proporzjonata meta mqabbla mal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal din l-inizjattiva.

(11) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jiffaċilita u jgħin fil-koordinazzjoni tax-xogħol tan-Netwerk ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà ("in-Netwerk"), li huwa magħmul minn Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali f'kull Stat Membru. Iċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali jenħtieġ li jirċievu appoġġ finanzjarju dirett mingħand l-Unjoni, inklużi għotjiet mogħtija mingħajr sejħa għall-proposti, sabiex jitwettqu l-attivitajiet marbutin ma' dan ir-Regolament.

(12) Iċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali jenħtieġ li jintgħażlu mill-Istati Membri. Barra mill-kapaċità amministrattiva neċessarja, iċ-Ċentri jenħtieġ li jkollhom jew ikollhom aċċess dirett għal għarfien espert teknoloġiku fil-qasam taċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari f'oqsma bħall-kriptografija, is-servizzi ta' sigurtà tal-ICT, is-sejbien ta' intrużjoni, is-sigurtà tas-sistemi, is-sigurtà tan-netwerks, is-sigurtà tas-softwer u l-applikazzjonijiet jew l-aspetti umani jew soċjetali tas-sigurtà u l-privatezza. Jenħtieġ ukoll li jkollhom il-kapaċità li jinvolvu ruħhom u jikkoordinaw mal-industrija, is-settur pubbliku, inkluż l-awtoritajiet maħtura skont id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23], u l-komunità tar-riċerka.

(13) Fejn jingħata appoġġ finanzjarju liċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali sabiex jiġu appoġġjati partijiet terzi fil-livell nazzjonali, dan għandu jingħadda lill-partijiet ikkonċernati rilevanti permezz ta' ftehimiet dwar għotjiet dixxendenti.

(14) Teknoloġiji emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali, l-Internet tal-Oġġetti, l-informatika ta' prestazzjoni għolja (HPC) u l-informatika tal-kwantum, il-blockchain u kunċetti bħal identitajiet diġitali siguri, fl-istess waqt, joħolqu sfidi ġodda għaċ-ċibersigurtà u joffru anki soluzzjonijiet. L-aċċess u l-validazzjoni tar-robustezza ta' sistemi tal-ICT eżistenti jew futuri se jirrikjedu l-ittestjar ta' soluzzjonijiet ta' sigurtà minn attakki ffaċilitati minn magni ta' HPC jew tal-kwantum. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza, in-Netwerk u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jenħtieġ li jgħinu fl-avvanz u t-tixrid tal-aktar soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà reċenti. Fl-istess waqt, iċ-Ċentru ta' Kompetenza u n-Netwerk jenħtieġ li ikunu ta' servizz għall-iżviluppaturi u l-operaturi f'setturi kritiċi bħat-trasport, l-enerġija, is-saħħa, il-finanzi, il-gvern, it-telekomunikazzjonijiet, il-manifattura, id-difiża u l-ispazju sabiex jgħinuhom jindirizzaw l-isfidi taċ-ċibersigurtà tagħhom.

(15) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jkollu diversi funzjonijiet prinċipali. L-ewwel nett, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jiffaċilita u jgħin fil-koordinazzjoni tax-xogħol tan-Netwerk Ewropew ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà u jrawwem il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. Iċ-Ċentru jenħtieġ li jmexxi l-aġenda teknoloġika taċ-ċibersigurtà u jiffaċilita l-aċċess għall-għarfien espert miġbur fin-Netwerk u fil-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. It-tieni nett, jenħtieġ li jimplimenta l-partijiet rilevanti tal-programmi Ewropa Diġitali u Orizzont Ewropa billi jalloka l-għotjiet, tipikament wara li tinħareġ sejħa għall-proposti kompetittiva. It-tielet nett, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jiffaċilita l-investiment konġunt mill-Unjoni, l-Istati Membri u/jew l-industrija.

[23] Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1).

(16) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jistimola u jappoġġja l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà, li jkunu jinvolvu grupp ta' atturi kbir, miftuħ u divers involuti fit-teknoloġija taċ-ċibersigurtà. Il-Komunità jenħtieġ li tinkludi b'mod partikolari entitajiet ta' riċerka, industriji min-naħa tal-provvista, industriji min-naħa tad-domanda u s-settur pubbliku. Il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jenħtieġ li tipprovdi input għall-attivitajiet u l-pjan ta' ħidma taċ-Ċentru ta' Kompetenza u jenħtieġ li tibbenefika wkoll mill-attivitajiet ta' bini tal-komunità taċ-Ċentru ta' Kompetenza u tan-Netwerk, iżda min-naħa l-oħra, jenħtieġ li ma tkunx privileġġjata fir-rigward ta' sejħiet għall-proposti jew sejħiet għal tender.

(17) Sabiex jindirizza l-bżonnijiet tal-industriji kemm fin-naħa tad-domanda kif ukoll fin-naħa tal-provvista, il-kompitu taċ-Ċentru ta' Kompetenza li jipprovdi għarfien u assistenza teknika fir-rigward taċ-ċibersigurtà lill-industriji jenħtieġ li jirreferi kemm għall-prodotti kif ukoll għas-servizzi tal-ICT u għall-prodotti u s-soluzzjonijiet industrijali u teknoloġiċi l-oħrajn kollha li fihom hija integrata ċ-ċibersigurtà.

(18) Filwaqt li ċ-Ċentru ta' Kompetenza u n-Netwerk jenħtieġ li jistinkaw sabiex jiksbu sinerġiji bejn l-isferi taċ-ċibersigurtà ċivili u tad-difiża, il-proġetti ffinanzjati mill-Programm Orizzont Ewropa se jiġu implimentati f'konformità mar-Regolament XXX [ir-Regolament Orizzont Ewropa], li jistipula li l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni mwettqin bħala parti minn Orizzont Ewropa għandhom jiffukaw fuq applikazzjonijiet ċivili.

(19) Sabiex tiġi żgurata kollaborazzjoni strutturata u sostenibbli, ir-relazzjoni bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u ċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali jenħtieġ li tkun ibbażata fuq ftehim kuntrattwali.

(20) Jenħtieġ li jsiru dispożizzjonijiet xierqa sabiex jiġu ggarantiti r-responsabbiltà u t-trasparenza taċ-Ċentru ta' Kompetenza.

(21) Fid-dawl tal-għarfien espert rispettiv tagħhom, iċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunta tal-Kummissjoni, kif ukoll l-Aġenzija Ewropa tas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) jenħtieġ li jkollhom parti attiva fil-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà u l-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku.

(22) Fejn jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, iċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali u l-entitajiet li huma parti mill-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jenħtieġ li jippubbliċizzaw il-fatt li l-attivitajiet rispettivi jkunu qed jitwettqu fil-kuntest tal-inizjattiva preżenti.

(23) Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għaċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li tiffinanzja nofs il-kostijiet li jirriżultaw mill-istabbiliment ta' attivitajiet amministrattivi u ta' koordinazzjoni taċ-Ċentru ta' Kompetenza. Sabiex jiġu evitat il-finanzjament doppju, dawk l-attivitajiet jenħtieġ li ma jibbenefikawx simultanjament minn kontribuzzjoni minn programmi oħrajn tal-Unjoni.

(24) Il-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru ta' Kompetenza, kompost mill-Istati Membri u l-Kummissjoni, jenħtieġ li jiddefinixxi d-direzzjoni ġenerali tal-operazzjonijiet taċ-Ċentru ta' Kompetenza u jiżgura li dan iwettaq il-kompiti skont dan ir-Regolament. Il-Bord ta' Tmexxija jenħtieġ li jiġi fdat bil-poteri meħtieġa biex jistabbilixxi l-baġit, jivverifika l-eżekuzzjoni tiegħu, jadotta r-regoli finanzjarji xierqa, jistabbilixxi proċeduri ta' ħidma trasparenti għat-teħid ta' deċiżjonijiet miċ-Ċentru ta' Kompetenza, jadotta l-pjan ta' ħidma u l-pjan strateġiku pluriennali taċ-Ċentru ta' Kompetenza li jirriflettu l-prijoritajiet fil-kisba tal-objettivi u l-kompiti taċ-Ċentru ta' Kompetenza,

jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, jaħtar id-Direttur Eżekuttiv u jiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv u jiddeċiedi fuq it-tmiem ta' dak il-mandat.

(25) Sabiex iċ-Ċentru ta' Kompetenza jiffunzjona b'mod korrett u effikaċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-persuni li jinħatru membri fil-Bord ta' Tmexxija jkollhom l-għarfien u l-esperjenza professjonali xierqa f'oqsma funzjonali. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu sforz biex jillimitaw ir-rata tas-sostituzzjoni tar-Rappreżentanti rispettivi tagħhom fil-Bord ta' Tmexxija, sabiex jiżguraw il-kontinwità fil-ħidma tiegħu.

(26) Il-funzjonament bla xkiel taċ-Ċentru ta' Kompetenza jirrikjedi li d-Direttur Eżekuttiv tiegħu jinħatar fuq il-bażi tal-mertu u l-ħiliet amministrattivi u maniġerjali dokumentati, kif ukoll tal-kompetenza u esperjenza rilevanti għaċ-ċibersigurtà u d-dmirijiet tad-Direttur Eżekuttiv jitwettqu b'indipendenza sħiħa.

(27) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jkollu Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku bħala korp konsultattiv, biex jiżgura djalogu regolari bejn is-settur privat, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u partijiet konċernati rilevanti oħra. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku jenħtieġ li jiffoka fuq kwistjonijiet li huma rilevanti għall-partijiet ikkonċernati u jġibhom għall-attenzjoni tal-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru ta' Kompetenza. Il-kompożizzjoni tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku u l-kompiti assenjati lilu, bħal pereżempju li jiġu kkonsultat fir-rigward tal-pjan ta' ħidma, jenħtieġ li tiżgura rappreżentazzjoni xierqa tal-partijiet ikkonċernati fil-ħidma taċ-Ċentru ta' Kompetenza.

(28) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jibbenefika mill-għarfien espert partikolari u r-rappreżentazzjoni wiesgħa u rilevanti tal-partijiet ikkonċernati mibnija permezz ta' sħubija pubblika-privata kuntrattwali fir-rigward taċ-ċibersigurtà tul it-terminu ta' Orizzont 2020, permezz tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku tiegħu.

(29) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jkollu implimentati regoli dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li japplika wkoll id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24]. L-ipproċessar tad-*data* personali miċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jkun soġġett għar-Regolament (UE) Nru XXX/2018 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali fir-rigward tat-trattament tal-informazzjoni, b'mod partikolari informazzjoni sensittiva mhux klassifikata u informazzjoni klassifikata tal-UE.

(30) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tal-Istati Membri jenħtieġ li jitħarsu permezz ta' miżuri proporzjonati fiċ-ċiklu kollu tal-infiq, li jinkludu miżuri għall-prevenzjoni, is-sejbien u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru tal-fondi li ntilfu, li tħallsu indebitament jew li ntużaw b'mod ħażin u, fejn ikun il-każ, permezz ta' pieni amministrattivi u finanzjarji f'konformità mar-Regolament XXX (UE, Euratom) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25] [ir-Regolament Finanzjarju].

---

[24] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

[25] [Żid it-titlu u r-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali]

(31) Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jopera b'mod miftuħ u trasparenti u jipprovdi kull informazzjoni rilevanti fil-ħin u jippromwovi l-attivitajiet tiegħu, fosthom attivitajiet tal-informazzjoni u tat-tixrid ħall-pubbliku ġenerali. Ir-regoli tal-proċedura tal-korpi taċ-Ċentru ta' Kompetenza jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-pubbliku.

(32) L-awditur intern tal-Kummissjoni jenħtieġ li jeżerċita l-istess setgħat fuq iċ-Ċentru ta' Kompetenza bħal dawk eżerċitati fir-rigward tal-Kummissjoni.

(33) Il-Kummissjoni, iċ-Ċentru ta' Kompetenza, il-Qorti tal-Awdituri u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi jenħtieġ li jingħataw aċċess għall-informazzjoni neċessarja kollha u l-faċilitajiet sabiex iwettqu awditi u investigazzjonijiet dwar l-għotjiet, il-kuntratti u l-ftehim iffirmat miċ-Ċentru ta' Kompetenza.

(34) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri ż-żamma u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni, iż-żieda tal-kompetittività tal-industrija taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni u l-użu taċ-ċibersigurtà bħala vantaġġ kompetittiv ta' industriji tal-Unjoni oħrajn, ma jistgħux jintlaħqu b'mod xieraq mill-Istati Membri minħabba l-fatt li riżorsi eżistenti u limitati huma mifruxin, kif ukoll minħabba l-kobor tal-investiment neċessarju, iżda jistgħu minħabba l-evitar ta' duplikazzjoni mhix neċessarja ta' dawn l-isforzi, l-għajnuna sabiex tintlaħaq massa kritika ta' investiment u l-iżgurar li l-finanzjament pubbliku jintuża bl-aħjar mod jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif inhu stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET U PRINĊIPJI ĠENERALI TAĊ-ĊENTRU TA' KOMPETENZA U TAN-NETWERK

Artikolu 1

Suġġett

1. Ir-Regolament jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà (iċ-"Ċentru ta' Kompetenza"), kif ukoll in-Netwerk ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni, u jistipula r-regoli għan-nominazzjoni ta' Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali kif ukoll għat-twaqqif ta' Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà.

2. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-parti taċ-ċibersigurtà tal-Programm Ewropa Diġitali stabbilit bir-Regolament Nru XXX u, b'mod partikolari, l-azzjonijiet marbutin mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru XXX [il-Programm Ewropa Diġitali] tiegħu u tal-Programm Orizzont Ewropa stabbilit bir-Regolament Nru XXX u, b'mod partikolari, it-Taqsima 2.2.6 tal-Pilastru II tal-Anness I tad-Deċiżjoni Nru XXX dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni [numru ta' referenza tal-Programm Speċifiku].

3. Is-sede taċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jkun fi [Brussell, il-Belġju.]

4. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jkollu personalità ġuridika. F'kull Stat Membri, dan għandu jgawdi mill-aktar kapaċità ġuridika estensiva mogħtija lil persuni ġuridiċi skont il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru. Huwa jista', b'mod partikolari, jakkwista proprjetà mobbli jew immobbli u jista' jkun parti fi proċedimenti legali.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "ċibersigurtà" tfisser il-protezzjoni tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni, l-utenti tagħhom u persuni oħra kontra t-theddid ċibernetiku;

(2) "prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà" tfisser prodotti, servizzi jew proċessi tal-ICT bil-għan speċifiku li jipproteġu lin-netwerks u lis-sistemi tal-informazzjoni, lill-utenti tagħhom u lil persuni milqutin mit-theddid ċibernetiku;

(3) "awtorità pubblika" tfisser kwalunkwe amministrazzjoni governattiva jew pubblika, inklużi korpi pubbliċi konsultattivi, fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li twettaq funzjonijiet amministrattivi pubbliċi skont il-liġi nazzjonali, inklużi obbligi speċifiċi;

(4) "Stat Membru parteċipanti" tfisser Stat Membru li b'mod volontarju jikkontribwixxi finanzjarjament għall-kostijiet amministrattivi u operazzjonali taċ-Ċentru ta' Kompetenza.

Artikolu 3

Il-Missjoni taċ-Ċentru u tan-Netwerk

1. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza u n-Netwerk għandhom jgħinu lill-Unjoni sabiex:

   (a) iżżomm u tiżviluppa l-kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali taċ-ċibersigurtà neċessarji sabiex tassigura s-Suq Uniku Diġitali tagħha;

   (b) iżżid il-kompettività tal-industrija taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni u tibdel iċ-ċibersigurtà f'vantaġġ kompetittiv ta' industriji oħrajn tal-Unjoni.

2. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jwettaq il-kompiti tiegħu, fejn ikun xieraq, f'kollaborazzjoni man-Netwerk ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni u Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà.

Artikolu 4

L-Għanijiet u l-Kompiti taċ-Ċentru

Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jkollu l-għanijiet li ġejjin u l-kompiti relatati:

1. li jiffaċilita u jgħin fil-koordinazzjoni tax-xogħol tan-Netwerk taċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali ("in-Netwerk") imsemmi fl-Artikolu 6 u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà msemmija fl-Artikolu 8;

2. li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-parti taċ-ċibersigurtà tal-Programm Ewropa Diġitali stabbilit bir-Regolament Nru XXX[26] u, b'mod partikolari, l-

[26] [żid it-titlu sħiħ u r-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali]

azzjonijiet marbutin mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru XXX [il-Programm Ewropa Diġitali] u tal-Programm Orizzont Ewropa stabbilit bir-Regolament Nru XXX[27] u, b'mod partikolari, it-Taqsima 2.2.6 tal-Pilastru II tal-Anness I tad-Deċiżjoni Nru XXX dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni [numru ta' referenza tal-Programm Speċifiku] u ta' programmi oħrajn tal-Unjoni meta dan ikun previst fl-atti legali tal-Unjoni];

3. li jtejjeb il-kapaċitajiet, l-għarfien u l-infrastruttura taċ-ċibersigurtà sabiex dawn jaqdu lill-industriji, lis-settur pubbliku u lill-komunitajiet ta' riċerka, billi jwettaq il-kompiti li ġejjin:

    (a) b'kunsiderazzjoni tal-infrastruttura industrijali u ta' riċerka ta' teknoloġija avvanzata fil-qasam taċ-ċibersigurtà u servizzi relatati, jakkwista, jaġġorna, jopera u jagħmel disponibbli infrastruttura bħal din u servizzi relatati għal firxa wiesgħa ta' utenti fl-Unjoni kollha mill-industrija, inklużi l-SMEs, is-settur pubbliku u l-komunità ta' riċerka u xjentifika;

    (b) b'kunsiderazzjoni tal-infrastruttura industrijali u ta' riċerka ta' teknoloġija avvanzata fil-qasam taċ-ċibersigurtà u servizzi relatati, jipprovdi appoġġ lil entitajiet oħrajn, inkluż dak finanzjarju, sabiex jakkwistaw, jaġġornaw, joperaw u jagħmlu disponibbli infrastrutturi bħal dawn u servizzi relatati għal firxa wiesgħa ta' utenti fl-Unjoni kollha mill-industrija, inklużi l-SMEs, is-settur pubbliku u l-komunità ta' riċerka u xjentifika;

    (c) jipprovdi għarfien u assistenza teknika fir-rigward taċ-ċibersigurtà lill-industrija u lil awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikolari billi jappoġġja azzjonijiet immirati lejn l-iffaċilitar tal-aċċess għall-għarfien espert disponibbli fin-Netwerk u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà;

4. jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni wiesgħa ta' prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà ta' teknoloġija avvanzata fl-ekonomija kollha, billi jwettaq il-kompiti li ġejjin:

    (a) jistimola r-riċerka dwar iċ-ċibersigurtà, l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni mill-awtoritajiet pubbliċi u l-industriji utenti;

    (b) jassisti lill-awtoritajiet pubbliċi, lill-industriji min-naħa tad-domanda u lil utenti oħrajn fl-adozzjoni u fl-integrazzjoni tal-aktar soluzzjonijiet reċenti taċ-ċibersigurtà;

    (c) jappoġġja, b'mod partikolari, lill-awtoritajiet pubbliċi fl-organizzazzjoni tal-akkwist pubbliku jew iwettaq l-akkwist ta' prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà ta' teknoloġija avvanzata f'isem l-awtoritajiet pubbliċi;

    (d) jipprovdi appoġġ finanzjarju u assistenza teknika lil kumpaniji ġodda fil-qasam taċ-ċibersigurtà u lill-SMEs sabiex jibnu pont ma' swieq potenzjali u jattiraw l-investiment;

[27] [żid it-titlu sħiħ u r-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali]

5. itejjeb il-fehim taċ-ċibersigurtà u jikkontribwixxi sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fir-rigward tal-ħiliet relatati maċ-ċibersigurtà fl-Unjoni billi jwettaq il-kompiti li ġejjin:

   (a) jappoġġja it-tkomplija tal-iżvilupp ta' ħiliet fil-qasam taċ-ċibersigurtà, fejn ikun xieraq, flimkien mal-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-UE, inkluż l-ENISA.

6. jikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni billi:

   (a) jipprovdi appoġġ finanzjarju għall-isforzi ta' riċerka fiċ-ċibersigurtà bbażati fuq aġenda strateġika pluriennali industrijali, teknoloġika u ta' riċerka komuni u li tiġi evalwata u mtejba b'mod kontinwu;

   (b) jappoġġja proġetti ta' riċerka u dimostrazzjoni fuq skala kbira fil-kapaċitajiet teknoloġiċi fil-qasam taċ-ċibersigurtà tal-ġenerazzjoni li jmiss, f'kollaborazzjoni mal-industrija u n-Netwerk;

   (c) jappoġġja r-riċerka u l-innovazzjoni għall-istandardizzazzjoni fit-teknoloġija taċ-ċibersigurtà

7. itejjeb il-kooperazzjoni bejn l-isferi ċivili u tad-difiża fir-rigward ta' teknoloġiji u applikazzjonijiet b'użu doppju fiċ-ċibersigurtà, billi jwettaq il-kompiti li ġejjin:

   (a) jappoġġja lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati mill-industrija u fil-qasam tar-riċerka fir-rigward tar-riċerka, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni;

   (b) jikkontribwixxi għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri billi jappoġġja l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-eżerċizzji;

   (c) ilaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati, sabiex jitrawmu sinerġiji bejn ir-riċerka u s-swieq taċ-ċibersigurtà ċivili u tad-difiża;

8. itejjeb is-sinerġiji bejn id-dimensjonijiet ċivili u ta' difiża taċ-ċibersigurtà b'rabta mal-Fond Ewropew ta' Difiża billi jwettaq il-kompiti li ġejjin:

   (a) jagħti pariri, jaqsam l-għarfien espert u jiffaċilita l-kollaborazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti;

   (b) jiġġestixxi proġetti ta' difiża ċibernetika multinazzjonali, meta jintalab dan mill-Istati Membri, u għaldaqstant jaġixxi bħala maniġer tal-proġetti fi ħdan it-tifsira tar-Regolament XXX [ir-Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Difiża].

Artikolu 5

Investiment u użu tal-infrastruttura, il-kapaċitajiet, prodotti jew soluzzjonijiet

1. Fejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza jipprovdi finanzjament għall-infrastruttura, kapaċitajiet, prodotti jew soluzzjonijiet skont l-Artikolu 4(3) u (4) f'forma ta' għotja jew premju, il-pjan ta' ħidma taċ-Ċentru ta' Kompetenza jista' jispeċifika b'mod partikolari:

   (a) regoli li jirregolaw l-operat ta' infrastruttura jew kapaċità inkluż, fejn ikun rilevanti, l-għoti ta' responsabbiltà għall-operat lil entità ospitanti abbażi ta' kriterji li għandhom jiġu ddefiniti miċ-Ċentru ta' Kompetenza;

(b) regoli li jirregolaw l-aċċess għal u l-użu ta' infrastruttura jew kapaċità.

2. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jista' jkun responsabbli għall-eżekuzzjoni globali ta' attivitajiet ta' akkwist konġunt inkluż l-akkwist prekummerċjali f'isem il-membri tan-Netwerk, il-membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà jew partijiet terzi oħrajn li jirrappreżentaw lill-utenti tal-prodotti u s-soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà. Għal dan il-għan, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jista' jiġi megħjun minn Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali wieħed jew aktar minn wieħed jew minn membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà.

Artikolu 6

Nominazzjoni taċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali

1. Sa [data], kull Stat Membru għandu jinnomina l-entità li għandha taġixxi bħala ċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u jinnotifikaha lill-Kummissjoni.

2. Abbażi ta' valutazzjoni li tikkonċerna l-konformità ta' dik l-entità mal-kriterji stipulati fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha toħroġ deċiżjoni fi żmien sitt xhur min-nominazzjoni mressqa mill-Istat Membru fejn tippreżenta l-akkreditazzjoni tal-entità bħala Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali jew tiċħad in-nominazzjoni. Il-lista ta' Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni.

3. L-Istati Membri jistgħu fi kwalunkwe ħin jinnominaw entità ġdida bħala ċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għall-finijiet ta' dan ir-regolament. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw għan-nominazzjoni ta' kwalunkwe entità ġdida.

4. Iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali nnominat għandu jkollu l-kapaċità li jappoġġja ċ-Ċentru ta' Kompetenza u n-Netwerk fil-qadi tal-missjoni tagħhom, kif inhu stipulat fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament. Huma għandu jkollhom għarfien espert teknoloġiku fiċ-ċibersigurtà jew ikollhom aċċess dirett għalih u jkunu f'pożizzjoni li jinvolvu ruħhom u jikkoordinaw b'mod effettiv mal-industrija, is-settur pubbliku u l-komunità ta' riċerka.

5. Ir-relazzjoni bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u ċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għandha tkun ibbażata fuq ftehim kuntrattwali ffirmat bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u kull wieħed miċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali. Il-ftehim għandu jistipula r-regoli li jirregolaw ir-relazzjoni u l-qsim tal-kompiti bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u kull wieħed miċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali.

6. In-Netwerk taċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għandu jkun kompost miċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali kollha nnominati mill-Istati Membri.

Artikolu 7

Il-Kompiti taċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali

1. Iċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għandu jkollhom il-kompiti li ġejjin:

(a) jappoġġjaw iċ-Ċentru ta' Kompetenza fl-ilħuq tal-għanijiet tiegħu u, b'mod partikolari, fil-koordinazzjoni tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà;

(b) jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-industrija u atturi oħrajn fil-livell tal-Istati Membri fi proġetti transkonfinali;

(c) jikkontribwixxu, flimkien maċ-Ċentru ta' Kompetenza, għall-identifikazzjoni u l-indirizzar ta' sfidi industrijali taċ-ċibersigurtà li huma speċifiċi għas-settur;

(d) jaġixxu bħala punt ta' kuntatt fil-livell nazzjonali għall-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà u ċ-Ċentru ta' Kompetenza;

(e) ifittxu li jistabbilixxu sinerġiji b'attivitajiet rilevanti fil-livelli nazzjonali u reġjonali;

(f) jimplimentaw azzjonijiet speċifiċi li għalihom ikunu ngħataw għotjiet miċ-Ċentru ta' Kompetenza, inkluż permezz tal-għoti ta' appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi f'konformità mal-Artikolu 204 tar-Regolament XXX [Regolament Finanzjarju ġdid] b'kundizzjonijiet speċifikati fil-ftehimiet dwar l-għotjiet ikkonċernati.

(g) jippromwovu u jxerrdu r-riżultati rilevanti tal-ħidma tan-Netwerk, tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà u taċ-Ċentru ta' Kompetenza fil-livell nazzjonali jew reġjonali;

(h) jivvalutaw it-talbiet imressqin minn entitajiet stabbiliti fl-istess Stat Membru bħaċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni sabiex isiru parti mill-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà.

2. Għall-finijiet tal-punt (f), l-appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi jista' jingħata fi kwalunkwe waħda mill-forom speċifikati fl-Artikolu 125 tar-Regolament XXX [Regolament Finanzjarju ġdid] inkluż f'forma ta' somom f'daqqa.

3. Iċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali jistgħu jirċievu għotja mingħand l-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 195 (d) tar-Regolament XXX [Regolament Finanzjarju ġdid] b'rabta mat-twettiq tal-kompiti stipulati f'dan l-Artikolu.

4. Iċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali għandhom, fejn ikun rilevanti, jikkooperaw permezz tan-Netwerk għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-kompiti msemmijin fil-punti (a), (b), (c), (e), u (g) tal-paragrafu 1.

Artikolu 8

Il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà

1. Il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà għandha tikkontribwixxi għall-missjoni taċ-Ċentru ta' Kompetenza kif inhu stipulat fl-Artikolu 3 u ttejjeb u xxerred l-għarfien espert dwar iċ-ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha.

2. Il-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà għandha tikkonsisti mill-industrija, organizzazzjonijiet akkademiċi u ta' riċerka mhux bi profitt u assoċjazzjonijiet kif ukoll entitajiet pubbliċi u entitajiet oħrajn li jittrattaw kwistjonijiet operazzjonali u tekniċi. Dan għandu jlaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati prinċipali fir-rigward tal-kapaċitajiet teknoloġiċi u industrijali fil-qasam taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni. Dan għandu jinvolvi liċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali kif ukoll lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni li jkollhom l-għarfien espert rilevanti.

3. L-entitajiet li jkunu stabbiliti fl-Unjoni biss jistgħu jiġu akkreditati bħala membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà. Huma għandhom juru li għandhom l-għarfien espert fil-qasam taċ-ċibersigurtà fir-rigward ta' tal-anqas wieħed minn dawn l-oqsma:

(a) ir-riċerka;

(b) l-iżvilupp industrijali;

(c) it-taħriġ u l-edukazzjoni.

4. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jakkredita lill-entitajiet li jkunu stabbiliti skont il-liġi nazzjonali bħala membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà wara valutazzjoni li ssir miċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-entità, dwar jekk l-entità tissodisfax il-kriterji stipulati fil-paragrafu 3. Akkreditazzjoni ma għandhiex tkun limitata fiż-żmien iżda tista' tiġi revokata miċ-Ċentru ta' Kompetenza fi kwalunkwe ħin, jekk dan jew iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali jikkunsidra li l-entità ma tissodisfax il-kriterji stipulati fil-paragrafu 3 jew li taqa' taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti stipulati fl-Artikolu 136 tar-Regolament XXX [regolament finanzjarju ġdid].

5. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jakkredita lill-korpi, l-aġenziji u l-uffiċċji rilevanti tal-Unjoni bħala membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà wara li jwettaq valutazzjoni dwar jekk dik l-entità tissodisfax il-kriterji stipulati fil-paragrafu 3. Akkreditazzjoni ma għandhiex tkun limitata fiż-żmien iżda tista' tiġi revokata miċ-Ċentru ta' Kompetenza fi kwalunkwe ħin, jekk dan jew iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Nazzjonali jikkunsidraw li l-entità ma tissodisfax il-kriterji stipulati fil-paragrafu 3 jew li taqa' taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti stipulati fl-Artikolu 136 tar-Regolament XXX [regolament finanzjarju ġdid].

6. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni jistgħu jipparteċipaw fil-ħidma tal-Komunità.

Artikolu 9

Il-kompiti tal-membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà

Il-membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà għandhom:

(1) jappoġġjaw liċ-Ċentru ta' Kompetenza fil-qadi tal-missjoni u l-ilħuq tal-għanijiet stipulati fl-Artikoli 3 u 4 u, għal dan il-għan, jaħdmu mill-qrib maċ-Ċentru ta' Kompetenza u ċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali rilevanti;

(2) jipparteċipaw fl-attivitajiet promossi miċ-Ċentru ta' Kompetenza u miċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali;

(3) fejn ikun rilevanti, jipparteċipaw fi gruppi ta' ħidma stabbiliti mill-Bord ta'Tmexxija taċ-Ċentru ta' Kompetenza sabiex jitwettqu attivitajiet speċifiċi kif inhu previst fil-pjan ta' ħidma taċ-Ċentru ta' Kompetenza;

(4) fejn ikun rilevanti, jappoġġjaw liċ-Ċentru ta' Kompetenza u liċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali fil-promozzjoni ta' proġetti speċifiċi;

(5) jippromwovu u jxerrdu r-riżultati rilevanti tal-attivitajiet u l-proġetti mwettqin fi ħdan il-komunità.

Artikolu 10

Kooperazzjoni taċ-Ċentru ta' Kompetenza mal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni

1. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jikkoopera mal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni inklużi l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u tal-Informazzjoni, it-Tim ta' Rispons f'Każ ta' Emerġenza Diġitali (CERT-UE), is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, iċ-Ċentru ta' Riċerka

Konġunta tal-Kummissjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva ta' Riċerka, l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Innovazzjoni u tan-Netwerks, iċ-Ċentru Ewropew tal-Kriminalità Ċibernetika fi ħdan il-Europol kif ukoll l-Aġenzija Ewropea ta' Difiża.

2. Kooperazzjoni bħal din għandha sseħħ fi ħdan il-qafas ta' arranġamenti ta' ħidma. Dawk l-arranġamenti għandhom jitressqu għall-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni.

KAPITOLU II

ORGANIZZAZZJONI TAĊ-ĊENTRU TA' KOMPETENZA

Artikolu 11

Sħubija u struttura

1. Il-membri taċ-Ċentri ta' Kompetenza għandhom ikunu l-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni, u l-Istati Membri.

2. L-istruttura taċ-Ċentru ta' Kompetenza għandha tikkonsisti minn:

   (a) Bord ta' Tmexxija, li għandu jeżerċita l-kompiti stipulati fl-Artikolu 13;

   (b) Direttur Eżekuttiv, li għandu jeżerċita l-kompiti stipulati fl-Artikolu 16;

   (c) Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku li għandu jeżerċita l-funzjonijiet stipulati fl-Artikolu 20.

TAQSIMA I

BORD TAT-TMEXXIJA

Artikolu 12

Il-kompożizzjoni tal-Bord ta' Tmexxija

1. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkun kompost minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u ħames rappreżentanti tal-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni.

2. Kull membru tal-Bord ta' Tmexxija għandu jkollu membru supplenti biex jirrappreżentah fin-nuqqas tiegħu.

3. Il-membri tal-Bord ta' Tmexxija u s-sostituti tagħhom għandhom jinħatru fid-dawl tal-għarfien tagħhom fil-qasam tat-teknoloġija, kif ukoll b'kunsiderazzjoni tal-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu sforz biex jillimitaw ir-rata ta' bdil tar-rappreżentanti rispettivi tagħhom fil-Bord ta' Tmexxija, sabiex jiżguraw il-kontinwità fil-ħidma tal-Bord. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandu jkollhom l-għan li jiksbu rappreżentanza bbilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa fuq il-Bord ta' Tmexxija.

4. Il-mandat tal-membri tal-Bord ta' Tmexxija u s-sostituti tagħhom għandu jkun ta' erba' snin. Dak il-mandat għandu jkun jista' jiġġedded.

5. Il-membri tal-Bord ta' Tmexxija għandhom jaġixxu fl-interess taċ-Ċentru ta' Kompetenza, fejn jissalvagwardjaw il-miri u l-missjoni, l-identità, l-awtonomija u l-koerenza tiegħu b'mod indipendenti u trasparenti.

6. Il-Kummissjoni tista' tistieden osservaturi, inkluż ir-rappreżentanti tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, biex jieħu sehem fil-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija kif xieraq.

7. L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) għandha tkun osservatur permanenti fil-Bord ta' Tmexxija.

Artikolu 13

Il-Kompiti tal-Bord ta' Tmexxija

1. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkollu r-responsabbiltà globali għad-direzzjoni strateġika u għall-operazzjonijiet taċ-Ċentru ta' Kompetenza u għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tiegħu.

2. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu. Dawn ir-regoli għandhom jinkludu proċeduri speċifiċi biex jiġu identifikati u evitati l-kunflitti ta' interess u tkun żgurata l-kunfidenzjalità ta' kull informazzjoni sensittiva.

3. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jieħu deċiżjonijiet strateġiċi meħtieġa, b'mod partikolari:

   (a) jadotta pjan strateġiku pluriennali, li jkun jinkludi dikjarazzjoni tal-prijoritajiet prinċipali u inizjattivi ppjanati taċ-Ċentru ta' Kompetenza, inkluż stima tal-bżonnijiet u r-riżorsi finanzjarji;

   (b) jadotta l-pjan ta' ħidma taċ-Ċentru ta' Kompetenza, il-kontijiet u l-karta ta' bilanċ annwali u r-rapport ta' attività annwali, abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv;

   (c) jadotta r-regoli finanzjarji speċifiċi taċ-Ċentru ta' Kompetenza f'konformità ma' [Artikolu 70 tar-Regolament Finanzjarju];

   (d) jadotta proċedura għall-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv;

   (e) jadotta l-kriterji u l-proċeduri għall-valutazzjoni u l-akkreditazzjoni tal-entitajiet bħala membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà;

   (f) jaħtar, ikeċċi, jestendi t-terminu tal-kariga, jipprovdi gwida u jimmonitorja l-prestazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv u jaħtar lill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà;

   (g) jadotta l-baġit annwali taċ-Ċentru ta' Kompetenza, inkluż il-pjan tal-istabbiliment tal-persunal korrispondenti li jindika l-għadd ta' postijiet temporanji skont il-grupp tal-funzjoni u skont il-grad, l-għadd ta' persunal kuntrattwali u ta' esperti nazzjonali sekondati espressi f'ekwivalenti ta' full-time

   (h) jadotta regoli fir-rigward tal-kunflitti ta' interess;

   (i) jistabbilixxi gruppi ta' ħidma b'membri tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà;

   (j) jaħtar membri tal-Bord ta' Konsulenza Industrijali u Xjentifika;

(k) jistabbilixxi Funzjoni ta' Awditjar Intern skont ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013[28];

(l) jippromwovi ċ-Ċentru ta' Kompetenza b'mod globali, sabiex iżid l-attraenza tiegħu u jagħmlu korp ta' livell dinji għall-eċċellenza fiċ-ċibersigurtà;

(m) jistabbilixxi l-politika tal-komunikazzjoni taċ-Ċentru ta' Kompetenza skont rakkomandazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv;

(n) ikun responsabbli għall-monitoraġġ tas-segwitu xieraq tal-konklużjonijiet ta' evalwazzjonijiet retrospettivi.

(o) fejn ikun xieraq, jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg f'konformità mal-Artikolu 31(3);

(p) fejn ikun xieraq, jistabbilixxi r-regoli dwar l-esperti nazzjonali sekondati għaċ-Ċentru ta' Kompetenza u dwar l-użu ta' apprendistati f'konformità mal-Artikolu 32(2);

(q) jadotta regoli ta' sigurtà għaċ-Ċentru ta' Kompetenza;

(r) jadotta strateġija kontra l-frodi li tkun proporzjonata mar-riskji ta' frodi fid-dawl ta' analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-miżuri li għandhom jiġu implimentati;

(s) jadotta metodoloġija sabiex tiġi kkalkolata l-kontribuzzjoni finanzjarja mingħand l-Istati Membri;

(t) ikun responsabbli għal kull kompitu li mhux allokat speċifikament lil korp partikolari taċ-Ċentru ta' Kompetenza; jista' jassenja kompiti bħal dawn liċ-Ċentru ta' Kompetenza;

Artikolu 14

Il-President u l-Laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija

1. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jeleġġi President u Viċi President minn fost il-membri tiegħu, li jkollhom drittijiet tal-vot għal perjodu ta' sentejn. Il-mandat tal-President u tal-Viċi President jista' jiġi estiż darba, wara li tittieħed deċiżjoni mill-Bord ta' Tmexxija. Jekk, madankollu, is-sħubija tagħhom fil-Bord ta' Tmexxija tintemm fi kwalunkwe żmien matul il-mandat tagħhom, il-mandat tagħhom għandu jiskadi awtomatikament f'dik id-data. Il-Viċi President għandu jissostitwixxi *ex officio* lill-President jekk dan tal-aħħar ma jkunx jista' jwettaq id-doveri tiegħu. Il-President għandu jieħu sehem fil-votazzjoni.

2. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jorganizza l-laqgħat ordinarji tiegħu mill-inqas tliet darbiet fis-sena. Dan jista' jorganizza laqgħat straordinarji fuq talba tal-Kummissjoni, fuq talba ta' terz tal-membri kollha tiegħu, fuq talba tal-President jew fuq talba tad-Direttur Eżekuttiv bi twettiq tal-kompiti tiegħu/tagħha.

3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu sehem fid-deliberazzjonijiet, diment li l-Bord ta' Tmexxija ma jkunx iddeċieda mod ieħor, iżda ma għandux ikollu drittijiet tal-vot.

[28] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42).

Skont il-każ, il-Bord ta' Tmexxija jista' jistieden lil persuni oħrajn biex jattendu l-laqgħat tiegħu bħala osservaturi.

4. Il-Membri tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku jistgħu jieħdu sehem, fuq stedina mill-President, fil-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija, mingħajr ma jkollhom id-dritt tal-vot.

5. Il-membri tal-Bord ta' Tmexxija u s-sostituti tagħhom jistgħu, soġġetti għar-regoli tal-proċedura tiegħu, ikunu megħjuna minn konsulenti jew esperti fil-laqgħat.

6. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jipprovdi s-segretarjat għall-Bord ta' Tmexxija.

Artikolu 15

Ir-regoli tal-votazzjoni tal-Bord ta' Tmexxija

1. L-Unjoni għandu jkollha 50 % tad-drittijiet tal-vot. Id-drittijiet tal-vot tal-Unjoni għandhom ikunu indiviżibbli.

2. Kull Stat Membru parteċipanti għandu jkollu vot wieħed.

3. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza ta' mill-anqas 75 % tal-voti kollha, inklużi l-voti tal-membri li jkunu assenti, li jirrappreżentaw tal-anqas 75 % tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji totali liċ-Ċentru ta' Kompetenza. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tiġi kkalkolata abbażi tal-infiq stmat propost mill-Istati Membri msemmi fil-punt c tal-Artikolu 17(2) u abbażi tar-rapport dwar il-valur tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri parteċipanti msemmija fl-Artikolu 22(5).

4. Huma r-rappreżentanti tal-Kummissjoni u r-rappreżentanti tal-Istati Membri parteċipanti biss li għandu jkollhom id-drittijiet tal-vot.

5. Il-President għandu jieħu sehem fil-votazzjoni.

TAQSIMA II

ID-DIRETTUR EŻEKUTTIV

Artikolu 16

Il-ħatra, it-tneħħija jew l-estensjoni tal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun persuna b'għarfien espert u ta' reputazzjoni tajba fl-oqsma fejn jopera ċ-Ċentru ta' Kompetenza.

2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jiġi ingaġġat bħala aġent temporanju taċ-Ċentru ta' Kompetenza skont l-Artikolu 2(a) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għal Aġenti Oħrajn.

3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord ta' Tmexxija minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni, wara proċedura tal-għażla miftuħa u trasparenti.

4. Għall-finijiet tal-konklużjoni tal-kuntratt tad-Direttur Eżekuttiv, iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jkun irrappreżentat mill-President tal-Bord ta' Tmexxija.

5. Il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ta' erba' snin. Sa tmiem dak il-perjodu, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni li tqis l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv u l-kompiti u l-isfidi futuri taċ-Ċentru ta' Kompetenza.

6. Il-Bord ta' Tmexxija, li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni li tikkunsidra l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 5, jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv darba, għal mhux aktar minn erba' snin.

7. Direttur Eżekuttiv li l-mandat tiegħu jkun ġie estiż ma jistax jipparteċipa fi proċedura ta' għażla oħra għall-istess post.

8. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jitneħħa mill-kariga biss b'deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija, fuq proposta mill-Kummissjoni.

Artikolu 17

Il-Kompiti tad-Direttur Eżekuttiv

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-operat u l-ġestjoni minn jum għal jum taċ-Ċentru ta' Kompetenza u għandu jkun ir-rappreżentant ġuridiku tiegħu. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jirrapporta lejn il-Bord ta' Tmexxija u jwettaq dmirijietu b'indipendenza sħiħa fil-limiti tas-setgħat mogħtija lilu.

2. B'mod partikolari, id-Direttur Eżekuttiv għandu jwettaq dawn il-kompiti li ġejjin b'mod indipendenti:

   (a) jimplimenta d-deċiżjonijiet adottati mill-Bord ta' Tmexxija;

   (b) jappoġġja l-ħidma tal-Bord ta' Tmexxija, jipprovdi s-segretarjat għal-laqgħat tagħhom u jipprovdi l-informazzjoni kollha neċessarja għat-twettiq tad-doveri tagħhom;

   (c) wara konsultazzjoni mal-Bord ta' Tmexxija u l-Kummissjoni, iħejji u jissottometti għall-adozzjoni lill-Bord ta' Tmexxija abbozz tal-pjan strateġiku pluriennali u abbozz tal-pjan ta' ħidma annwali taċ-Ċentru ta' Kompetenza, inklużi l-ambitu tas-sejħiet għal proposti, sejħiet għal espressjonijiet ta' interess u sejħiet għal tenders meħtieġa sabiex jiġi implimentat il-pjan ta' ħidma u l-istimi ta' nfiq korrispondenti, kif propost mill-Istati Membri u l-Kummissjoni;

   (d) iħejji u jissottometti lill-Bord ta' Tmexxija l-abbozz tal-baġit annwali għall-adozzjoni, inkluż il-pjan ta' stabbiliment tal-persunal korrispondenti li jindika l-għadd ta' postijiet temporanji f'kull grad u grupp tal-funzjoni u l-għadd ta' persunal kuntrattwali u ta' esperti nazzjonali ssekondati espressi f'ekwivalenti full-time;

   (e) jimplimenta l-pjan ta' ħidma u jirrapporta lill-Bord ta' Tmexxija dwaru;

   (f) iħejji l-abbozz tar-rapport annwali dwar l-attivitajiet dwar iċ-Ċentru ta' Kompetenza, inkluża l-informazzjoni kollha dwar in-nefqa korrispondenti;

   (g) jiżgura l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni effettivi marbutin mal-prestazzjoni taċ-Ċentru ta' Kompetenza;

   (h) iħejji pjan ta' azzjoni msejjes fuq il-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet retrospettivi u jirrapporta dwar il-progress kull sentejn lill-Kummissjoni

   (i) iħejji, jinnegozja u jikkonkludi l-ftehimiet maċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali;

   (j) ikun responsabbli għal kwistjonijiet amministrattivi, finanzjarji u tal-persunal, inkluża l-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru ta' Kompetenza, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-pariri mogħtijin mill-Funzjoni ta' Awditu Intern, fi ħdan il-limiti tad-delegazzjoni mill-Bord ta' Tmexxija;

(k) japprova u jiġġestixxi t-tnedija ta' sejħiet għall-proposti skont il-pjan ta' ħidma u jamministra l-ftehimiet u d-deċiżjonijiet dwar l-għotjiet;

(l) japprova l-lista ta' azzjonijiet magħżula għal finanzjament abbażi ta' lista ta' klassifika stabbilita minn panel ta' esperti indipendenti;

(m) japprova u jiġġestixxi t-tnedija ta' sejħiet għal tenders skont il-pjan ta' ħidma u jamministra l-kuntratti;

(n) japprova l-offerti magħżula għall-finanzjament;

(o) jissottometti l-abbozzi tal-kontijiet annwali u l-karta ta' bilanċ lill-Funzjoni ta' Awditu Intern u, sussegwentement, lill-Bord ta' Tmexxija,

(p) jiżgura li ssir il-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni tar-riskju;

(q) jiffirma ftehimiet, deċiżjonijiet u kuntratti tal-għotjiet individwali;

(r) jiffirma kuntratti tal-akkwist;

(s) iħejji pjan ta' azzjoni bħala segwitu għall-konklużjonijiet ta' rapporti ta' awditjar intern jew estern, kif ukoll investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u jirrapporta dwar il-progress darbtejn fis-sena lill-Kummissjoni kif ukoll regolarment lill-Bord ta' Tmexxija;

(t) iħejji abbozz ta' regoli finanzjarji applikabbli miċ-Ċentru ta' Kompetenza;

(u) jistabbilixxi u jiżgura l-funzjonament ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti u jirrapporta kull bidla sinifikanti fiha lill-Bord ta' Tmexxija;

(v) jiżgura komunikazzjoni effettiva mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni;

(w) jieħu kwalunkwe miżura oħra meħtieġa sabiex jivvaluta l-progress taċ-Ċentru ta' Kompetenza lejn il-kisba tal-missjoni u l-għanijiet tiegħu, kif stipulat fl-Artikoli 3 u 4 ta' dan ir-Regolament;

(x) iwettaq kwalunkwe kompitu ieħor fdat jew delegat lilu jew lilha mill-Bord ta' Tmexxija.

TAQSIMA III

BORD KONSULTATTIV INDUSTRIJALI U XJENTIFIKU

Artikolu 18

Il-kompożizzjoni tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku

1. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku ma għandux ikun kompost minn aktar minn 16-il membru. Il-membri għandhom jinħatru mill-Bord ta' Tmexxija minn fost ir-rappreżentanti tal-entitajiet tal-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà.

2. Il-membri tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jkollhom għarfien espert fir-rigward tar-riċerka dwar iċ-ċibersigurtà, l-iżvilupp industrijali, is-servizzi professjonali jew l-implimentazzjoni tagħhom. Ir-rekwiżiti għal għarfien espert bħal dan għandhom ikomplu jiġu speċifikati mill-Bord ta' Tmexxija.

3. Il-proċeduri li jirrigwardaw il-ħatra tal-membri tiegħu mill-Bord ta' Tmexxija u l-operazzjoni tal-Bord Konsultattiv, għandhom jiġu speċifikati fir-regoli ta' proċedura taċ-Ċentru ta' Kompetenza u għandhom jiġu ppubblikati.

4. Il-mandat tal-membri tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jkun ta' tliet snin. Dak il-mandat għandu jkun jista' jiġġedded.

5. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija Ewropea ta' Sigurtà tan-Netwerks u tal-Informazzjoni jistgħu jipparteċipaw u jappoġġjaw il-ħidma tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku.

Artikolu 19

Il-Funzjonament tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku

1. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jiltaqa' tal-anqas darbtejn f'sena.
2. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku jista' jagħti pariri lill-Bord ta' Tmexxija dwar l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma dwar kwistjonijiet rilevanti għall-ħidma taċ-Ċentru ta' Kompetenza, fejn ikun neċessarju, taħt il-koordinazzjoni globali ta' membru wieħed jew aktar tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku.
3. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jeleġġi l-President tiegħu.
4. Il-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, inkluż in-nomina tar-rappreżentanti li għandhom jirrappreżentaw lill-Grupp Konsultattiv, fejn ikun rilevanti, u t-tul taż-żmien tan-nomina tagħhom.

Artikolu 20

Il-Kompiti tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku

Il-Korp Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku għandu jagħti pariri liċ-Ċentru ta' Kompetenza fir-rigward tat-twettiq tal-attivitajiet tiegħu u għandu:

(1) jipprovdi lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Bord ta' Tmexxija pariri strateġiċi u input għall-abbozzar tal-pjan ta' ħidma u tal-pjan strateġiku pluriennali fi ħdan l-iskadenzi stabbiliti mill-Bord ta' Tmexxija;

(2) jorganizza konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħin għall-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati kollha li għandhom interess fil-qasam taċ-ċibersigurtà, sabiex jiġbor l-input għall-pariri strateġiċi msemmijin fil-paragrafu 1;

(3) jippromwovi u jiġbor il-feedback dwar il-pjan ta' ħidma u l-pjan strateġiku pluriennali taċ-Ċentru ta' Kompetenza.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI

Artikolu 21

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni liċ-Ċentru ta' Kompetenza sabiex jiġu koperti l-kostijiet amministrattivi u operazzjonali għandha tkun maqsuma hekk:

(a) EUR 1 981 668 000 mill-programm Ewropa Diġitali, li jinkludu sa EUR 23 746 000 għall-kostijiet amministrattivi;

(b) Ammont mill-Programm Orizzont Ewropa, inkluż għall-kostijiet amministrattivi, li għandu jiġi ddeterminat wara kunsiderazzjoni tal-proċess ta' ppjanar strateġiku li għandu jitwettaq f'konformità mal-Artikolu 6(6) tar-Regolament XXX [ir-Regolament Orizzont Ewropa].

2. Il-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni għandha titħallas mill-approprjazzjonijiet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni allokat għal [il-Programm Ewropa Diġitali] u għall-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa, stabbilit bid-Deċiżjoni XXX.

3. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jimplimenta azzjonijiet taċ-ċibersigurtà ta' [il-Programm Ewropa Diġitali] u [il-Programm Orizzont Ewropa] f'konformità mal-punt (c) (iv) tal-Artikolu 62 tar-Regolament (UE, Euratom) XXX[29] [ir-regolament finanzjarju].

4. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ma għandhiex tkopri l-kompiti msemmijin fl-Artikolu 4(8)(b)

Artikolu 22

Il-Kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri parteċipanti

1. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jagħmlu kontribuzzjoni għall-kostijiet operazzjonali u amministrattivi taċ-Ċentru ta' Kompetenza ta' tal-anqas l-istess ammonti bħal dawk stipulati fl-Artikolu 21(1) ta' dan ir-Regolament.

2. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kontribuzzjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 u fil-punt (b)ii tal-Artikolu 23(3), il-kostijiet għandhom jiġu ddeterminati skont il-prattiki normali tal-kontabbiltà tal-kostijiet tal-Istati Membri kkonċernati, l-istandards tal-kontabbiltà applikabbli tal-Istat Membru u l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà u l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju applikabbli. Il-kostijiet għandhom jiġu ċċertifikati minn awditur estern indipendenti maħtur mill-Istat Membru kkonċernat. Jekk miċ-ċertifikazzjoni tfeġġ xi inċertezza, iċ-Ċentru ta' Kompetenza jista' jivverifika l-metodu tal-valutazzjoni.

3. Jekk xi Stat Membru parteċipanti jonqos mill-impenji tiegħu fir-rigward tal-kontribuzzjoni finanzjarja tiegħu, id-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu nota ta' dan bil-miktub u għandu jistabbilixxi perjodu raġjonevoli li matulu l-membru għandu jirrimedja dan in-nuqqas. Jekk is-sitwazzjoni ma tiġix irrimedjata matul dak il-perjodu, id-Direttur Eżekuttiv għandu jlaqqa' lill-Bord ta' Tmexxija biex jiddeċiedi jekk għandux jiġi revokat d-dritt tal-vot tal-Istat Membru kkonċernat jew jekk għandhomx jittieħdu xi miżuri oħrajn sakemm dan iwettaq l-obbligi tiegħu. Id-drittijiet tal-vot tal-Istat Membru li qed jonqos mill-impenji tiegħu għandhom jiġu sospiżi sakemm iwettaq l-obbligi tiegħu.

4. Il-Kummissjoni tista' tittermina, tnaqqas b'mod proporzjonat jew tissospendi l-kontribuzzjoni finanazjarja tal-Unjoni liċ-Ċentru ta' Kompetenza jekk l-Istati Membri parteċipanti ma jikkontribwixxux, jikkontribwixxu biss parzjalment jew jikkontribwixxu tard fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1.

5. Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, l-Istati Membri parteċipanti għandhom jirrapportaw lill-Bord ta' Tmexxija dwar il-valur tal-kontribuzzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 magħmulin f'kull waħda mis-snin finanzjarji preċedenti.

Artikolu 23

Kostijiet u Riżorsi taċ-Ċentru ta' Kompetenza

1. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jkun iffinanzjat b'mod konġunt mill-Unjoni u mill-Istati Membri permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsin f'pagamenti

[29] [żid it-titlu sħiħ u r-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali]

parzjali u kontribuzzjonijiet li jikkonsistu minn kostijiet imġarrbin miċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali u l-benefiċjarji fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li ma jiġux rimborsati miċ-Ċentru ta' Kompetenza.

2. Il-kostijiet amministrattivi taċ-Ċentru ta' Kompetenza ma għandhomx jaqbżu EUR [numru] u għandhom jiġu koperti minn kontribuzzjonijiet finanzjarji li ta' kull sena jinqasmu b'mod ugwali bejn l-Unjoni u l-Istati Membri parteċipanti. Jekk parti mill-kontribuzzjoni għall-kostijiet amministrattivi ma tintużax, din tista' ssir disponibbli biex jiġu koperti l-kostijiet operazzjonali taċ-Ċentru ta' Kompetenza.

3. Il-kostijiet operazzjonali taċ-Ċentru ta' Kompetenza għandhom jiġu koperti permezz ta':

   (a) il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni;

   (b) kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri parteċipanti f'forma ta':

      (i) Kontribuzzjonijiet finanzjarji; kif ukoll

      (ii) fejn ikun rilevanti, kontribuzzjonijiet in natura mill-Istati Membri parteċipanti tal-kostijiet imġarrbin miċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali u l-benefiċjarji fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet indiretti, bil-kontribuzzjoni taċ-Ċentru ta' Kompetenza u kwalunkwe kontribuzzjoni oħra tal-Unjoni għal dawn il-kostijiet imnaqqsin;

4. Ir-riżorsi taċ-Ċentru ta' Kompetenza mdaħħla fil-baġit tiegħu għandhom ikunu magħmulin mill-kontribuzzjonijiet li ġejjin:

   (a) kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri parteċipanti għall-kostijiet amministrattivi;

   (b) kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri parteċipanti għall-kostijiet operazzjonali;

   (c) kwalunkwe dħul iġġenerat miċ-Ċentru ta' Kompetenza;

   (d) kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja, riżorsa u dħul ieħor.

5. Kwalunkwe interess li jirriżulta mill-kontribuzzjonijiet imħallsin liċ-Ċentru ta' Kompetenza mill-Istati Membri parteċipanti għandu jitqies bħala d-dħul tiegħu.

6. Ir-riżorsi kollha taċ-Ċentru ta' Kompetenza u l-attivitajiet tiegħu għandhom ikunu mmirati lejn l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 4.

7. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jkollu l-assi kollha ġġenerati minnu jew trasferiti lilu għall-ilħuq tal-għanijiet tiegħu.

8. Kull dħul żejjed fuq in-nefqa ma għandux jitħallas lill-membri parteċipanti taċ-Ċentru ta' Kompetenza, ħlief meta ċ-Ċentru ta' Kompetenza jkun illikwidat.

Artikolu 24

L-impenji finanzjarji

L-impenji finanzjarji taċ-Ċentru ta' Kompetenza ma għandhomx jaqbżu l-ammont tar-riżorsi finanzjarji disponibbli jew impenjati għall-baġit tiegħu mill-membri tiegħu.

Artikolu 25

Is-sena finanzjarja

Is-sena finanzjarja għandha tkun mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.

Artikolu 26

L-istabbiliment tal-baġit

1. Kull sena, id-Direttur Eżekuttiv għandu jħejji abbozz ta' dikjarazzjoni tal-estimi tad-dħul u l-infiq taċ-Ċentru ta' Kompetenza għas-sena finanzjarja li jmiss u għandu jgħaddih lill-Bord ta' Tmexxija, flimkien mal-abbozz tal-pjan ta' stabbiliment. Id-dħul u n-nefqa għandhom ikunu bbilanċjati. In-nefqa taċ-Ċentru ta' Kompetenza għandha tinkludi l-ispejjeż tal-persunal u dawk amministrattivi, infrastrutturali u operazzjonali. L-ispejjeż amministrattivi għandhom jinżammu kemm jista' jkun baxxi.
2. Kull sena, il-Bord ta' Tmexxija għandu, abbażi tal-abbozz ta' dikjarazzjoni tal-estimi tad-dħul u l-infiq imsemmija fil-paragrafu 1, iħejji dikjarazzjoni tal-estimi tad-dħul u l-infiq għaċ-Ċentru ta' Kompetenza għas-sena finanzjarja ta' wara.
3. Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, il-Bord ta' Tmexxija jibgħat id-dikjarazzjoni tal-estimi msemmija fil-paragrafu 2, li għandha tkun parti mill-abbozz ta' dokument uniku ta' programmazzjoni, lill-Kummissjoni.
4. Abbażi ta' dik id-dikjarazzjoni tal-estimi, il-Kummissjoni għandha ddaħħal fl-abbozz tal-baġit tal-Unjoni, l-estimi li tqis li jkunu meħtieġa għall-pjan ta' stabbiliment u l-ammont tal-kontribuzzjoni li għandu jintalab mill-baġit ġenerali, li hija għandha tressaq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'konformità l-Artikoli 313 u 314 TFUE.
5. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jawtorizzaw l-approprjazzjonijiet għall-kontribuzzjoni liċ-Ċentru ta' Kompetenza.
6. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw il-pjan ta' stabbiliment taċ-Ċentru ta' Kompetenza.
7. Flimkien mal-Pjan ta' Ħidma, il-Bord ta' Tmexxija għandu jadotta l-baġit taċ-Ċentru. Dan għandu jsir finali wara l-adozzjoni definittiva tal-baġit ġenerali tal-Unjoni. Fejn xieraq, il-Bord ta' Tmexxija għandu jaġġusta l-baġit taċ-Ċentru ta' Kompetenza u l-Pjan ta' Ħidma skont il-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Artikolu 27

Preżentazzjoni tal-kontijiet u r-rilaxx taċ-Ċentru ta' Kompetenza

Il-preżentazzjoni tal-kontijiet proviżorji u finali u r-rilaxx taċ-Ċentru ta' Kompetenza għandha ssegwi r-regoli u t-tabella ta' żmien tar-Regolament Finanzjarju u tar-regoli finanzjarji tiegħu adottati f'konformità mal-Artikolu 29.

Artikolu 28

Rappurtar operazzjonali u finanzjarju

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jirrapporta annwalment lill-Bord ta' Tmexxija dwar it-twettiq tad-dmirijiet tiegħu/tagħha f'konformità mar-regoli finanzjarji taċ-Ċentru ta' Kompetenza.
2. Fi żmien xahrejn mill-għeluq ta' kull sena finanzjarja, id-Direttur Eżekuttiv għandu jippreżenta rapport tal-attività annwali lill-Bord ta' Tmexxija għall-approvazzjoni

tiegħu, li jkun jittratta l-progress taċ-Ċentru ta' Kompetenza fis-sena kalendarja ta' qabel, b'mod partikolari b'rabta mal-pjan ta' ħidma annwali għal dik is-sena. Dak ir-rapport għandu jinkludi, *inter alia*, informazzjoni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) azzjonijiet operazzjonali li jitwettqu u n-nefqa korrispondenti;

(b) l-azzjonijiet ippreżentati, inkluża analiżi skont it-tip ta' parteċipant, inklużi SMEs, u għal kull Stat Membru;

(c) l-azzjonijiet magħżula għall-finanzjament, inkluża analiżi skont it-tip ta' parteċipant, inklużi SMEs, u għal Stat Membru u li tindika l-kontribuzzjoni taċ-Ċentru ta' Kompetenza lill-parteċipanti u l-azzjonijiet individwali;

(d) il-progress biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 u proposti għal aktar ħidma meħtieġa biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

3. Ladarba l-Bord ta' Tmexxija japprova r-rapport tal-attività annwali, dan għandu jsir disponibbli għall-pubbliku.

Artikolu 29

Ir-regoli finanzjarji

Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jadotta r-regoli finanzjarji speċifiċi tiegħu f'konformità mal-Artikolu 70 tar-Regolament XXX [Regolament Finanzjarju ġdid].

Artikolu 30

Il-ħarsien tal-interessi finanzjarji

1. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jieħu miżuri xierqa biex jiżgura li, meta jiġu implimentati l-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, b'verifiki effettivi u, jekk jinkixfu xi irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament u, fejn ikun xieraq, b'sanzjonijiet amministrattivi effettivi, proporzjonati u disważivi.

2. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jagħti aċċess lill-persunal tal-Kummissjoni u lil persuni oħrajn awtorizzati mill-Kummissjoni, kif ukoll lill-Qorti tal-Awdituri, għassiti u l-binjiet tiegħu u għal kull informazzjoni, inkluża informazzjoni f'format elettroniku, li tkun meħtieġa biex iwettqu l-awditjar tagħhom.

3. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jagħmel investigazzjonijiet, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[30] u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31] bil-għan li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra

[30] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

[31] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim għal għotja jew kuntratt iffinanzjat/a, direttament jew indirettament, skont dan ir-Regolament.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, il-kuntratti u l-ftehimiet dwar l-għotjiet, li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li b'mod espliċitu jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, liċ-Ċentru ta' Kompetenza, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF biex iwettqu awditi u investigazzjonijiet bħal dawn f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom. Meta l-implimentazzjoni ta' azzjoni tiġi esternalizzata jew sottodelegata, kollha kemm hi jew parzjalment, jew meta tkun teħtieġ l-għoti ta' kuntratt tal-akkwist jew appoġġ finanzjarju lil parti terza, il-kuntratt jew il-ftehim ta' għotja għandu jinkludi l-obbligu tal-kuntrattur jew tal-benefiċjarju li jimponi l-aċċettazzjoni espliċita fuq xi parti terza involuta ta' dawk is-setgħat tal-Kummissjoni, iċ-Ċentru ta' Kompetenza, tal-Qorti tal-Awdituri u tal-OLAF.

KAPITOLU IV

IL-PERSUNAL TAĊ-ĊENTRU TA' KOMPETENZA

Artikolu 31

Persunal

1. Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea kif inhuma stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KESE) Nru 259/68[32] (ir-"Regolamenti tal-Persunal" u l-"Kundizzjonijiet tal-Impjieg") u r-regoli adottati b'mod konġunt mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għandhom japplikaw għall-persunal taċ-Ċentru ta' Kompetenza.

2. Fir-rigward tal-persunal taċ-Ċentru ta' Kompetenza, il-Bord ta' Tmexxija għandu jeżerċita s-setgħat li jagħtu r-Regolamenti tal-Persunal fuq l-Awtorità tal-Ħatriet u s-setgħat li jagħtu l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg fuq l-awtorità bis-setgħa li tikkonkludi kuntratt ("is-setgħat tal-awtorità tal-ħatriet").

3. F'konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Bord ta' Tmexxija għandu jadotta deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 2(1) tar-Regolamenti tal-Persunal u fuq l-Artikolu 6 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg li tiddelega s-setgħat rilevanti tal-awtorità tal-ħatriet lid-Direttur Eżekuttiv u li tiddefinixxi l-kundizzjonijiet li skonthom tista' tiġi sospiża dik id-delega. Id-Direttur Eżekuttiv huwa awtorizzat li jissottodelega dawk is-setgħat.

4. Meta ċirkustanzi eċċezzjonali jeżiġu dan, il-Bord ta' Tmexxija jista' jieħu deċiżjoni biex jissospendi temporanjament id-delega tas-setgħat tal-awtorità tal-ħatriet lid-Direttur Eżekuttiv u kull sottodelega ta' dawk is-setgħat minn dan tal-aħħar. F'dawn il-każijiet, il-Bord ta' Tmexxija għandu jeżerċita s-setgħat tal-awtorità tal-ħatra hu stess jew jiddelegahom lil wieħed mill-membri tiegħu jew lil membru tal-persunal taċ-Ċentru ta' Kompetenza li ma jkunx id-Direttur Eżekuttiv.

---

[32] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' impjieg ta' uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej u li jistabbilixxi miżuri temporanji applikabbli għall-Uffiċjali tal-Kummissjoni (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1).

5. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jadotta regoli ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg, f'konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal.

6. Ir-riżorsi tal-persunal għandhom ikunu ddeterminati mill-pjan tal-istabbiliment tal-persunal taċ-Ċentru ta' Kompetenza li jindika l-għadd ta' postijiet temporanji skont il-grupp tal-funzjoni u skont il-grad, u l-għadd ta' persuni li jaħdmu bil-kuntratt espress f'ekwivalenti full-time, skont il-baġit annwali tiegħu.

7. Il-persunal taċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jikkonsisti minn persunal temporanju u minn persunal kuntrattwali.

8. Kull kost relatat mal-persunal għandu jiġġarrab miċ-Ċentru ta' Kompetenza.

Artikolu 32

Esperti nazzjonali ssekondati u persunal ieħor

1. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jista' jagħmel użu minn esperti nazzjonali ssekondati jew minn persunal ieħor mhux impjegat miċ-Ċentru ta' Kompetenza.

2. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi regoli dwar l-issekondar ta' esperti nazzjonali fiċ-Ċentru ta' Kompetenza, bi qbil mal-Kummissjoni.

Artikolu 33

Privileġġi u Immunitajiet

Il-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandu japplika għaċ-Ċentru ta' Kompetenza u għall-persunal tiegħu.

KAPITOLU V
DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI

Artikolu 34

Regoli ta' Sigurtà

1. L-Artikolu 12(7) tar-Regolament (UE) Nru XXX [il-Programm Ewropa Diġitali] għandu japplika għall-parteċipazzjoni fl-azzjonijiet kollha ffinanzjati miċ-Ċentru ta' Kompetenza.

2. Ir-regoli ta' sigurtà speċifiċi li ġejjin għandhom japplikaw għall-azzjonijiet iffinanzjati minn Orizzont Ewropa:

   (a) għall-finijiet tal-Artikolu 34(1) [Sjieda u protezzjoni] tar-Regolament (UE) Nru XXX [Orizzont Ewropa], fejn ikun previst fil-pjan ta' Ħidma, l-għoti ta' liċenzji mhux esklużivi jista' jiġi limitat għal partijiet terzi stabbiliti jew meqjusin li huma stabbiliti fl-Istati Membri u kkontrollati mill-Istati Membri u/jew ċittadini tal-Istati Membri;

   (b) għall-finijiet tal-Artikolu 36(4)(b) [Trasferiment u liċenzjar] tar-Regolament (UE) Nru XXX [Orizzont Ewropa], it-trasferiment jew il-liċenzja lil entità ġuridika stabbilita f'pajjiż assoċjat jew stabbilita fl-Unjoni iżda kkontrollata minn pajjiżi terzi wkoll għandhom jikkostitwixxu raġuni għall-oġġezzjoni

għat-trasferimenti tas-sjieda tar-riżultati jew għal għotjiet ta' liċenzja esklużiva fir-rigward tar-riżultati;

(c) għall-finijiet tal-Artikolu 37(3)(a) [Drittijiet ta' aċċess] tar-Regolament (UE) Nru XXX [Orizzont Ewropa], meta jkun previst fil-pjan ta' Ħidma, l-għoti tal-aċċess għar-riżultati u l-isfond jista' jkun limitat biss għal entità ġuridika stabbilita jew meqjusa li hi stabbilita fi Stati Membri u kkontrollata mill-Istati Membri u/jew ċittadini tal-Istati Membri.

Artikolu 35

Trasparenza

1. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jwettaq l-attivitajiet tiegħu b'livell għoli ta' trasparenza.

2. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jiżgura li l-pubbliku u kwalunkwe parti interessata jingħataw informazzjoni xierqa, oġġettiva, affidabbli u aċċessibbli faċilment, b'mod partikolari fir-rigward tar-riżultati tax-xogħol tiegħu. Hu għandu jqiegħed ukoll għad-dispożizzjoni tal-pubbliku d-dikjarazzjonijiet ta' interessi magħmula f'konformità mal-Artikolu 41.

3. Il-Bord ta' Tmexxija filwaqt li jaġixxi fuq proposta mid-Direttur Eżekuttiv, jista' jawtorizza lill-partijiet ikkonċernati biex jimxu mal-proċeduri ta' xi wħud mill-attivitajiet taċ-Ċentru ta' Kompetenza.

4. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jistabbilixxi, fir-regoli tal-proċedura tiegħu, l-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tar-regoli ta' trasparenza msemmija fil-paragrafi 1 u 2. Għall-azzjonijiet iffinanzjati minn Orizzont Ewropa, jiġu kkunsidrati kif xieraq id-dispożizzjonijiet fl-Anness III tar-Regolament Orizzont Ewropa.

Artikolu 36

Regoli ta' sigurtà dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni kklassifikata u informazzjoni sensittiva mhux ikklassifikata

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 35, iċ-Ċentru ta' Kompetenza ma għandux jiżvela lil partijiet terzi l-informazzjoni li huwa tipproċessa jew jirċievi li fir-rigward tagħha tkun saret talba mmotivata għal trattament kunfidenzjali, kollha kemm hi jew parti minnha.

2. Il-membri tal-Bord ta' Tmexxija, id-Direttur Eżekuttiv, il-membri tal-Bord Konsultattiv Industrijali u Xjentifiku, esperti esterni li jieħdu sehem fi Gruppi ta' Ħidma *ad hoc*, u membri tal-persunal taċ-Ċentru għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità skont l-Artikolu 339 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, anke wara t-terminazzjoni tad-doveri tagħhom.

3. Il-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru għandu jadotta r-regoli ta' sigurtà taċ-Ċentru ta' Kompetenza, wara l-approvazzjoni mill-Kummissjoni, abbażi tal-prinċipji u r-regoli stipulati fir-regoli ta' sigurtà tal-Kummissjoni għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-Unjoni Ewropea (EUCI) u informazzjoni sensittiva mhix klassifikata inklużi, *inter alia*, dispożizzjonijiet għall-ipproċessar u l-ħażna ta' informazzjoni

bħal din, kif inhu stabbilit fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443[33] u 2015/444[34].

4. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza jista' jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni rilevanti għall-kompiti tiegħu mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri u, fejn ikun xieraq, mal-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni rilevanti. Kwalunkwe arranġament amministrattiv konkluż għal dan il-għan dwar il-kondiviżjoni tal-EUCI jew, fin-nuqqas ta' arranġament bħal dan, kwalunkwe rilaxx eċċezzjonali *ad hoc* ta' EUCI għandu jkun irċieva l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni.

Artikolu 37

Aċċess għad-dokumenti

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 għandu japplika għad-dokumenti miżmuma miċ-Ċentru ta' Kompetenza.

2. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jadotta arranġamenti għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fi żmien sitt xhur mill-istabbiliment taċ-Ċentru ta' Kompetenza.

3. Id-deċiżjonijiet meħuda miċ-Ċentru ta' Kompetenza skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistgħu jkunu l-oġġett ta' lment lill-Ombudsman skont l-Artikolu 228 tat-TFUE jew ta' azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 38

Monitoraġġ, evalwazzjoni u reviżjoni

1. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jiżgura li l-attivitajiet tiegħu, inklużi dawk ġestiti permezz taċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali u n-Netwerk, għandhom jiġu soġġetti għal monitoraġġ kontinwu u sistematiku u għal evalwazzjoni perjodika. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jiżgura li d-*data* għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm u r-riżultati tingħabar b'mod effiċjenti, effettiv u fil-ħin, u għandhom jiġu imposti rekwiżiti proporzjonati ta' rappurtar fuq ir-reċipjenti tal-fondi tal-Unjoni u fuq l-Istati Membri. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni għandhom ikunu disponibbli pubblikament.

2. Ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, iżda mhux aktar tard minn tliet snin u nofs mill-bidu tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' nofs it-terminu taċ-Ċentru ta' Kompetenza. Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport dwar dik l-evalwazzjoni u għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2024. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza u l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni għat-tħejjija ta' dak ir-rapport.

---

[33] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41).

[34] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).

3. L-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tinkludi valutazzjoni tar-riżultati miksuba miċ-Ċentru ta' Kompetenza b'kunsiderazzjoni tal-għanijiet, il-mandat u l-kompiti tiegħu. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-kontinwazzjoni taċ-Ċentru ta' Kompetenza tkun ġustifikata fir-rigward tal-għanijiet, tal-mandat u tal-kompiti assenjati lilu, hija tista' tipproponi li jiġi estiż il-perjodu ta' żmien tal-mandat taċ-Ċentru ta' Kompetenza kif stipulat fl-Artikolu 46.

4. Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu imsemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista' tieħu azzjoni skont [Art 22(5)] jew tieħu kwalunkwe azzjoni xierqa oħra.

5. Il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, l-eliminazzjoni gradwali u t-tiġdid tal-kontribuzzjoni minn Orizzont Ewropa jsegwu d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 8, 45 u 47 u l-Anness III tar-Regolament Orizzont Ewropa u l-modalitajiet ta' implimentazzjoni li jkun sar qbil dwarhom.

6. Il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni tal-kontribuzzjoni minn Ewropa Diġitali jsegwu d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 24 u 25 tal-programm Ewropa Diġitali.

7. F'każ li ċ-Ċentru ta' Kompetenza jiġi likwidat, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni finali taċ-Ċentru ta' Kompetenza fi żmien sitt xhur mil-likwidazzjoni taċ-Ċentru ta' Kompetenza, iżda mhux aktar tard minn sentejn wara li tinbeda l-proċedura ta' likwidazzjoni msemmija fl-Artikolu 46 ta' dan ir-Regolament. Ir-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni finali għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 39

Responsabbiltà taċ-Ċentru ta' Kompetenza

1. Ir-responsabbiltà kuntrattwali taċ-Ċentru ta' Kompetenza għandha tkun regolata bil-liġi li tapplika għall-ftehim, id-deċiżjoni jew il-kuntratt inkwistjoni.

2. Fil-każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu, skont il-prinċipji ġenerali li huma komuni fir-rigward għal-liġijiet tal-Istati Membri, jagħmel tajjeb għal kwalunkwe dannu kkawżat mill-persunal tiegħu fit-twettiq ta' dmirijietu.

3. Kwalunkwe pagament li jsir miċ-Ċentru ta' Kompetenza fir-rigward tar-responsabbiltà msemmija fil-paragrafi 1 u 2 u l-kostijiet u l-ispejjeż imġarrbin b'rabta ma' dan għandhom jiġu kkunsidrat bħala nfiq taċ-Ċentru ta' Kompetenza u għandu jiġi kopert mir-riżorsi tiegħu.

4. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jkun esklużivament responsabbli għall-issodisfar tal-obbligi tiegħu.

Artikolu 40

Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-liġi applikabbli

1. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġurisdizzjoni:

   (1) skont kwalunkwe klawsola ta' arbitraġġ inkluża fi ftehimiet, deċiżjonijiet jew kuntratti konklużi miċ-Ċentru ta' Kompetenza;

(2) fir-rigward ta' tilwim relatat ma' kumpens għal dannu kkawżat mill-persunal taċ-Ċentru ta' Kompetenza waqt il-qadi ta' dmirijietu;

(3) fi kwalunkwe tilwima bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u l-persunal tiegħu fil-limiti u skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti dwar il-Persunal.

2. Għal xi kwistjoni oħra li mhix koperta minn dan ir-Regolament jew minn atti ġuridiċi oħra tal-Unjoni, għandha tapplika l-liġi tal-Istat Membru fejn tinsab is-sede taċ-Ċentru ta' Kompetenza.

Artikolu 41

Ir-responsabbiltà tal-membri u l-assigurazzjoni

1. L-obbligu finanzjarju tal-membri għad-djun taċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jkun limitat għall-kontribuzzjoni tagħhom li huma jkunu diġà għamlu għall-kostijiet amministrattivi.

2. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jkollu u jżomm assigurazzjoni xierqa.

Artikolu 42

Kunflitti ta' interess

Il-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jadotta regoli għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fir-rigward tal-membri, il-korpi u l-persunal tiegħu. Dawk ir-regoli għandhom jinkludu dispożizzjonijiet sabiex jiġi evitat kunflitt ta' interess fir-rigward tar-rappreżentanti tal-membri tal-Bord ta' Tmexxija kif ukoll tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku u Industrijali f'konformità mar-Regolament XXX [Regolament Finanzjarju ġdid].

Artikolu 43

Protezzjoni tad-*Data* Personali

1. L-ipproċessar tad-*data* personali miċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jkun soġġett għar-Regolament (UE) Nru XXX/2018 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

2. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jadotta miżuri ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu xx(3) tar-Regolament (UE) Nru xxx/2018. Il-Bord ta' Tmexxija jista' jadotta miżuri addizzjonali meħtieġa għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru xxx/2018 miċ-Ċentru ta' Kompetenza.

Artikolu 44

Appoġġ minghand l-Istat Membru ospitanti

Jista' jiġi konkluż ftehim amministrattiv bejn iċ-Ċentru ta' Kompetenza u l-Istat Membru [il-Belġju] fejn tinsab is-sede dwar il-privileġġi u l-immunitajiet u appoġġ ieħor li dak l-Istat Membru għandu jagħti liċ-Ċentru ta' Kompetenza.

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 45

Azzjonijiet inizjali

1. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli mit-twaqqif u l-operat inizjali taċ-Ċentru ta' Kompetenza sakemm dan ikollu l-kapaċità operazzjonali li jimplimenta l-baġit tiegħu stess. Il-Kummissjoni għandha twettaq, skont il-liġi tal-Unjoni, l-azzjonijiet neċessarji kollha bl-involviment tal-korpi kompetenti taċ-Ċentru ta' Kompetenza.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, sakemm id-Direttur Eżekuttiv jassumi d-doveri tiegħu wara l-ħatra tiegħu/tagħha mill-Bord ta' Tmexxija skont l-Artikolu 16 tal-Istatuti, il-Kummissjoni tista' taħtar Direttur Eżekuttiv interim u teżerċita d-doveri assenjati lid-Direttur Eżekuttiv li jista' jiġi assistit minn għadd limitat ta' uffiċjali tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' tassenja għadd limitat ta' uffiċjali tagħha fuq bażi interim.

3. Id-Direttur Eżekuttiv interim jista' jawtorizza l-pagamenti kollha koperti mill-approprjazzjonijiet previsti fil-baġit annwali taċ-Ċentru ta' Kompetenza ladarba jkunu approvati mill-Bord tat-Tmexxija, u jista' jikkonkludi ftehimiet, deċiżjonijiet u kuntratti, inkluż kuntratti tal-persunal wara l-adozzjoni tal-pjan ta' stabbiliment tal-persunal taċ-Ċentru ta' Kompetenza.

4. Bi qbil komuni mad-Direttur Eżekuttiv taċ-Ċentru ta' Kompetenza u soġġett għall-approvazzjoni tal-Bord ta' Tmexxija, id-Direttur Eżekuttiv interim għandu jiddetermina d-data li fiha ċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jkollu l-kapaċità biex jimplimenta l-baġit tiegħu. Minn dik id-data, il-Kummissjoni għandha tastjeni milli tagħmel impenji u teżegwixxi pagamenti għall-attivitajiet taċ-Ċentru ta' Kompetenza.

Artikolu 46

Tul ta' Żmien

1. Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jkun stabbilit għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2029.

2. Fi tmiem dan il-perjodu, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor permezz ta' reviżjoni ta' dan ir-Regolament, għandha tinbeda l-proċedura ta' likwidazzjoni. Il-proċedura ta' likwidazzjoni għandha tinbeda b'mod awtomatiku jekk l-Unjoni jew l-Istati Membri parteċipanti kollha jirtiraw miċ-Ċentru ta' Kompetenza.

3. Għall-finijiet tat-twettiq tal-proċeduri biex jinbeda l-proċess ta' likwidazzjoni taċ-Ċentru ta' Kompetenza, il-Bord ta' Tmexxija għandu jaħtar likwidatur wieħed jew aktar, li għandhom jimxu mad-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija.

4. Meta ċ-Ċentru ta' Kompetenza jkun qed jiġi llikwidat, l-assi tiegħu għandhom jintużaw biex jiġu koperti r-responsabbiltajiet tiegħu u n-nefqa relatata mal-likwidazzjoni tiegħu. Kull eċċess għandu jinqasam bejn l-Unjoni u l-Istati Membri parteċipanti b'mod proporzjonat mal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom għaċ-

Ċentru ta' Kompetenza. Kull eċċess bħal dan imqassam lill-Unjoni għandu jiġi ritornat fil-baġit tal-Unjoni.

Artikolu 47

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titlu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Għan(ijiet)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura(i) tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja(i) tal-baġit tan-nefqa affettwata(i)

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titlu tal-proposta/inizjattiva

Ir-Regolament li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[35]

Riċerka u innovazzjoni

Investimenti Strateġiċi Ewropej

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☒Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hi relatata ma' **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja[36]**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ridiretta lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għan(ijiet)

1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

1. Suq Uniku Diġitali Konness

2. Spinta ġdida għall-Impjiegi, it-Tkabbir u l-Investiment

1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi kkonċernat(i)

Għanijiet speċifiċi

1.3 L-ekonomija diġitali tista' tiżviluppa sal-potenzjal sħiħ tagħha jekk tkun imsejsa fuq inizjattivi li jaġevolaw it-tkabbir sħiħ tat-teknoloġiji diġitali u tad-*data*.

2.1 L-Ewropa żżomm il-pożizzjoni tagħha bħala pijunier dinji fl-ekonomija diġitali, fejn il-kumpaniji Ewropej ikunu jistgħu jikbru globalment, jibnu fuq intraprenditorija diġitali b'saħħitha u negozji ġodda li jirnexxu fejn l-industrija u s-servizzi pubbliċi jkollhom għarfien sħiħ tat-trasformazzjoni diġitali.

2.2. Ir-riċerka tal-Ewropa ssib opportunitajiet ta' investiment għal rivoluzzjonijiet teknoloġiċi potenzjali u inizjattivi teknoloġiċi emblematiċi, partikolarment il-programm Orizzont 2020/Orizzont Ewropa u bl-użu ta' Sħubijiet Pubbliċi Privati.

[35] ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

[36] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li għandu jkollha l-proposta/inizjattiva fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

Iċ-Ċentru ta' Kompetenza, flimkien man-Netwerk u l-Komunità, se jfittex li jilħaq l-għanijiet li ġejjin:

(1) jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-parti taċ-ċibersigurtà tal-Programm Ewropa Diġitali stabbilit bir-Regolament Nru XXX u b'mod partikolari l-azzjonijiet relatati mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru XXX [il-Programm Ewropa Diġitali] u tal-Programm Orizzont Ewropa stabbilit bir-Regolament Nru XXX u b'mod partikolari t-Taqsima 2.2.6 tal-Anness I tad-Deċiżjoni Nru XXX dwar it-twaqqif tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u ta' programmi oħrajn tal-Unjoni meta dan ikun previst f'atti ġuridiċi tal-Unjoni]

(2) itejjeb il-kapaċitajiet, l-għarfien u l-infrastruttura taċ-ċibersigurtà sabiex jaqdu lill-industriji, is-settur pubbliku u l-komunitajiet ta' riċerka,

(3) jikkontribwixxi għall-użu b'mod wiesgħa tal-aktar prodotti u soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà reċenti fl-ekonomija kollha,

(4) itejjeb il-fehim taċ-ċibersigurtà u jikkontribwixxi sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fil-ħiliet fir-rigward taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni,

(5) jikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-riċerka u l-iżvilupp fir-rigward taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni,

(6) itejjeb il-kollaborazzjoni bejn l-isferi ċivili u ta' difiża fir-rigward tat-teknoloġiji u l-applikazzjonijiet b'użu doppju,

(7) itejjeb is-sinerġiji bejn id-dimensjonijiet ċivili u ta' difiża taċ-ċibersigurtà,

(8) jgħin fil-koordinazzjoni u l-iffaċilitar tal-ħidma tan-Netwerk taċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Nazzjonali ("in-Netwerk") imsemmi fl-Artikolu 10 u l-Komunità ta' Kompetenza fiċ-Ċibersigurtà msemmija fl-Artikolu 12.

1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u l-impatt

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

· L-għadd ta' infrastrutturi/għodod taċ-ċibersigurtà akkwistati b'mod konġunt.

· Aċċess għal ħin għall-ittestjar u l-esperimentazzjoni li jsir possibbli għar-riċerkaturi Ewropej u l-industrija fin-Netwerk kollu u fi ħdan iċ-Ċentru. Fejn diġà jeżistu l-faċilitajiet, għadd miżjud ta' sigħat disponibbli għal dawk il-komunitajiet meta mqabbel mas-sigħat disponibbli bħalissa.

· L-għadd ta' komunitajiet utenti moqdijin u l-għadd ta' riċerkaturi li jingħataw aċċess għall-faċilitajiet Ewropej taċ-ċibersigurtà jiżdied meta mqabbel mal-għadd ta' dawk li jkollhom ifittxu riżorsi bħal dawn barra mill-Ewropa.

· Il-kompetittività tal-fornituri Ewropej tibda tiżdied, imkejla f'termini ta' sehem tas-suq globali (mira: sehem tas-suq ta' 25 % sal-2027), u f'termini ta' sehem tar-riżultati Ewropej tar-riċerka u l-iżvilupp li jintużaw mill-industrija.

· Kontribuzzjoni għat-teknoloġiji taċ-ċibersigurtà li jmiss, imkejla f'termini ta' drittijiet tal-awtur, privattivi, pubblikazzjonijiet xjentifiċi u prodotti kummerċjali.

· L-għadd ta' kurrikuli li jinkludu ħiliet taċ-ċibersigurtà vvalutati u allinjati, l-għadd ta' programmi ta' ċertifikazzjoni professjonali fiċ-ċibersigurtà vvalutati;

· L-għadd ta' xjenzati, studenti, utenti (amministrazzjonijiet industrijali u pubbliċi) imħarrġa.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li għandu/hom jiġi/u ssodisfat(i) fi żmien qasir jew twil

Tinkiseb massa kritika ta' investiment fl-iżvilupp teknoloġiku u industrijali taċ-ċibersigurtà, u tingħeleb il-frammentazzjoni ta' kapaċitajiet rilevanti mifruxin mal-UE kollha.

1.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE

Iċ-ċibersigurtà hija kwistjoni ta' interess komuni għall-Unjoni, kif ġie kkonfermat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill li ssemmew aktar 'il fuq. L-iskala u n-natura transkonfinali ta' inċidenti bħal *WannaCry* jew *NonPetya* huma eżempju ċar. In-natura u l-iskala tal-isfidi teknoloġiċi taċ-ċibersigurtà, kif ukoll koordinazzjoni insuffiċjenti tal-isforzi fi ħdan u mifruxin mal-industrija, is-settur pubbliku u l-komunitajiet ta' riċerka jitolbu li l-UE tkompli tappoġġja l-isforzi ta' koordinazzjoni kemm sabiex tiġbor massa kritika ta' riżorsi kif ukoll sabiex tiżgura li jkun hemm għarfien aħjar u ġestjoni aħjar tal-assi. Dan huwa meħtieġ fid-dawl tar-rekwiżiti tar-riżorsi relatati ma' ċerti kapaċitajiet għar-riċerka, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni taċ-ċibersigurtà; il-ħtieġa li jiġi pprovdut l-aċċess għall-għarfien interdixxiplinari dwar iċ-ċibersigurtà fir-rigward ta' dixxiplini differenti (li ħafna drabi jkun disponibbli biss parzjalment fil-livell nazzjonali); in-natura globali tal-ktajjen ta' valur industrijali, kif ukoll l-attività ta' kompetituri globali li jaħdmu fi swieq differenti.

Dan jirrikjedi riżorsi u għarfien fuq livell li huwa diffiċli li jintlaħaq permezz tal-azzjoni individwali ta' kwalunkwe Stat Membru. Pereżempju, netwerk pan-Ewropew ta' komunikazzjoni tal-kwantum jista' jirrikjedi investiment min-naħa tal-UE ta' madwar EUR 900 miljun, skont l-investimenti mill-Istati Membri (li għandhom jiġu interkonnessi/ikkumplementati) u sa liema punt it-teknoloġija tippermetti l-użu mill-ġdid ta' infrastruttura eżistenti.

1.5.3. Lezzjonijiet miksuba minn esperjenzi simili fil-passat

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' Orizzont 2020, fost l-oħrajn, ikkonfermat ir-rilevanza dejjiema tal-appoġġ tal-UE għar-Riċerka u l-Iżvilupp u għall-isfidi tas-soċjetà (fosthom "Soċjetajiet Siguri", li minnhom tiġi appoġġjata r-Riċerka u l-Iżvilupp taċ-ċibersigurtà). Fl-istess waqt, l-evalwazzjoni tikkonferma li t-tisħiħ tat-tmexxija industrijali jibqa' sfida u li għadha teżisti lakuna fir-rigward tal-innovazzjoni, bl-UE għadha lura fir-rigward tal-innovazzjoni rivoluzzjonarja li toħloq is-swieq.

L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Faċilità Nikkolegaw l-Ewropa (CEF) jidher li tikkonferma l-valur miżjud ta' intervent tal-UE lil hinn mir-Riċerka u l-Iżvilupp, minkejja l-fatt li fis-CEF, iċ-ċibersigurtà kellha fokus kemmxejn differenti (fuq is-sigurtà operazzjonali) u loġika ta' intervent. Fl-istess waqt, il-maġġoranza tar-riċevituri ta' għotjiet taċ-ċibersigurtà tas-CEF - il-komunità ta' CSIRTs nazzjonali - esprimew ix-xewqa tagħhom għal programm ta' appoġġ imfassal apposta bħala parti mill-MFF li jmiss.

Il-ħolqien ta' Sħubija Pubblika-Privata ("cPPP") fl-2016 dwar iċ-ċibersigurtà fl-Unjoni kien pass tajjeb lejn it-tlaqqigħ tar-riċerka, l-industrija u l-komunitajiet tas-settur pubbliku sabiex jiġu ffaċilitati r-riċerka u l-innovazzjoni fiċ-ċibersigurtà u fi

ħdan il-limiti tal-qafas finanzjarju għal bejn l-2014 u l-2020 għandu jwassal għal riżultati tajbin u aktar iffukati fir-riċerka u l-innovazzjoni. Is-cPPP ippermetta lis-sħab industrijali jesprimu impenn fir-rigward tan-nefqa individwali tagħhom f'oqsma ddefiniti fl-Aġenda Strateġika dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni tas-sħubija.

1.5.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn

In-netwerk ta' kompetenza fiċ-Ċibersigurtà u ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà se jaġixxu bħala appoġġ addizzjonali għad-dispożizzjonijiet ta' politika u l-atturi taċ-ċibersigurtà. Il-mandat taċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà se jkun kumplimentari għall-isforzi tal-ENISA iżda għandu fokus differenti u jeħtieġ sett ta' ħiliet differenti. Filwaqt li l-ENISA għandha tagħmel il-parti tagħha fl-għoti ta' pariri dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni fiċ-ċibersigurtà fl-UE, il-mandat propost tagħha jiffoka, l-ewwel u qabel kollox, fuq kompiti oħrajn li huma kruċjali għat-tisħiħ tar-reżiljenza taċ-ċibersigurtà fl-UE. Iċ-Ċentru għandu jistimula l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tat-teknoloġija fiċ-ċibersigurtà u jikkumplementa l-isforzi ta' bini ta' kapaċitajiet f'dan il-qasam fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà, flimkien man-netwerk ta' kompetenza fiċ-Ċibersigurtà, ukoll se jaħdem sabiex jappoġġja r-riċerka sabiex jiġu ffaċilitati u aċċellerati l-proċessi ta' standardizzazzjoni u ċertifikazzjoni, partikolarment dawk relatati mal-iskemi ta' ċertifikazzjoni fiċ-ċibersigurtà fi ħdan it-tifsira tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà.

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà se jaġixxi bħala mekkaniżmu ta' implimentazzjoni uniku għal żewġ programmi Ewropej li jappoġġjaw iċ-ċibersigurtà (il-Programm Ewropa Diġitali; Orizzont Ewropa) u jtejjeb il-koerenza u s-sinerġiji ta' bejniethom.

Din l-inizjattiva tippermetti li jiġu kkumplementati l-isforzi tal-Istati Membri, billi jiġi pprovdut l-input xieraq lil dawk li jfasslu l-politika dwar l-edukazzjoni sabiex tiġi mtejba l-edukazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà (pereżempju, bl-iżvilupp ta' kurrikuli li jittrattaw iċ-ċibersigurtà fis-sistemi edukattivi ċivili u militari, u kif ukoll input għall-edukazzjoni bażika dwar iċ-ċibersigurtà). Din tippermetti wkoll li jkun hemm l-appoġġ tal-allinjament u l-valutazzjoni kontinwa tal-programmi ta' ċertifikazzjoni professjonali fiċ-ċibersigurtà - l-attivitajiet neċessarji kollha sabiex jgħinu fl-indirizzar tan-nuqqas ta' ħiliet fiċ-ċibersigurtà u jiffaċilitaw l-aċċess tal-industriji u komunitajiet oħrajn għal speċjalisti taċ-ċibersigurtà. L-allinjament tal-edukazzjoni u l-ħiliet se jgħin fl-iżvilupp ta' forza tax-xogħol tal-UE kwalifikata fiċ-ċibersigurtà - vantaġġ prinċipali għall-kumpaniji taċ-ċibersigurtà, kif ukoll għal industriji oħrajn b'interess fiċ-ċibersigurtà.

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

☒ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

– ☒ Il-proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-01/01/2021 sal-31/12/2029

– ☒ L-impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027 għall-approprjazzjonijiet tal-impenji u mill-2021 sal-2031 għall-approprjazzjonijiet tal-pagamenti.

☐ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien mhux limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu inizjali minn SSSS sa SSSS,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[37]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☒

Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew il-korpi li jkunu ħatru;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☒ korpi li jissemmew fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ korpi regolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sa fejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi regolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok agħti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

[37] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_mt.html

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

L-Artikolu 28 fih dispożizzjonijiet iddettaljati dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Sabiex jiġu mmitigati r-riskji marbutin mal-operazzjoni taċ-Ċentru ta' Kompetenza wara t-twaqqif u l-ittardjar tiegħu, il-Kummissjoni se tappoġġja liċ-Ċentru ta' Kompetenza waqt din il-fażi sabiex tiżgura li jiġi ingaġġat malajr persunal prinċipali u li tiġi stabbilita sistema ta' kontroll intern effiċjenti kif ukoll proċeduri sodi.

2.2.2. Informazzjoni dwar l-istabbiliment tas-sistema ta' kontroll intern

Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-operat u l-ġestjoni minn jum għal jum taċ-Ċentru ta' Kompetenza u għandu jkun ir-rappreżentant ġuridiku tiegħu. Id-Direttur għandu jagħti rendikont lill-Bord ta' Tmexxija u jirrapporta lilu fuq bażi kontinwa dwar l-iżvilupp tal-attivitajiet taċ-Ċentru ta' Kompetenza.

Il-Bord ta' Tmexxija għandu jkollu r-responsabbiltà globali għad-direzzjoni strateġika u l-operazzjonijiet taċ-Ċentru ta' Kompetenza u għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tiegħu.

Ir-regoli finanzjarji applikabbli għaċ-Ċentru ta' Kompetenza għandhom jiġu adottati mill-Bord ta' Tmexxija wara li jikkonsulta lill-Kummissjoni. Huma ma għandhomx jitbiegħdu mir-Regolament (UE) 1271/2013, sakemm din id-devjazzjoni ma tkunx mitluba b'mod speċifiku għall-operat taċ-Ċentru ta' Kompetenza u bil-kunsens minn qabel tal-Kummissjoni.

L-awditur intern tal-Kummissjoni għandu jeżerċita l-istess setgħat fuq iċ-Ċentru ta' Kompetenza bħal dawk eżerċitati fir-rigward tal-Kummissjoni. Il-Qorti tal-Awdituri għandu jkollha s-setgħa ta' awditu, abbażi ta' dokumenti u ta' żjarat fuq il-post, fuq il-benefiċjarji ta' għotjiet, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha li jkunu rċevew fondi tal-Unjoni mingħand iċ-Ċentru ta' Kompetenza.

2.2.3. Il-kostijiet u l-benefiċċji stmati tal-kontrolli u l-valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żball

Kostijiet u benefiċċji tal-kontrolli

Il-kostijiet tal-kontroll għaċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà jinqasmu bejn il-kost tas-superviżjoni fil-livell tal-Kummissjoni u l-kost ta' kontrolli operazzjoni fil-livell tal-korp ta' implimentazzjoni.

Il-kost tal-kontrolli fil-livell taċ-Ċentru ta' Kompetenza huwa stmat li hu madwar 1.19 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagamenti operazzjoni implimentati fil-livell taċ-Ċentru ta' Kompetenza.

Il-kost tas-superviżjoni fil-livell tal-Kummissjoni huwa stmat li hu 1,20 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagamenti operazzjonali implimentati fil-livell taċ-Ċentru ta' Kompetenza.

Bis-suppożizzjoni li l-attivitajiet jkunu se jiġu ġestiti b'mod sħiħ mill-Kummissjoni mingħajr l-appoġġ tal-korp ta' implimentazzjoni, il-kost tal-kontroll ikun sostanzjalment ogħla u jista' jkun ta' madwar 7,7 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagamenti.

Il-kontrolli previsti għandhom l-għan li jiżguraw sorveljanza effettiva u bla xkiel tal-entitajiet ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni u li jiżguraw il-livell meħtieġ ta' assigurazzjoni fil-livell tal-Kummissjoni.

Il-benefiċċji tal-kontrolli huma dawn li ġejjin:

- L-evitar ta' għażla ta' proposti aktar dgħajfa jew insuffiċjenti.
- L-ottimizzar tal-ippjanar, u l-użu tal-fondi tal-UE, biex jinżamm il-valur miżjud tal-UE.
- L-iżgurar tal-kwalità tal-ftehimiet ta' għotja, b'evitar tal-iżbalji fl-identifikazzjoni ta' entitajiet ġuridiċi, filwaqt li jiġi żgurat il-kalkolu korrett tal-Kontribuzzjonijiet tal-UE u billi jittieħdu l-garanziji meħtieġa biex jiġi żgurat it-tħaddim korrett tal-għotjiet.
- Is-sejbien ta' kostijiet ineliġibbli fl-istadju tal-pagament.
- Is-sejbien ta' żbalji li jolqtu l-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet fl-istadju tal-awditjar.

Livell ta' żball stmat

L-għan huwa li tinżamm ir-rata ta' żball residwu taħt il-limitu ta' 2 % tal-Programm kollu, filwaqt li jiġi limitat il-piż tal-kontroll għall-benefiċjarji ħalli jinkiseb bilanċ tajjeb bejn l-għan ta' legalità u regolarità u objettivi oħrajn bħalma huma l-attrazzjoni tal-Programm b'mod partikolari għall-SMEs u l-kostijiet tal-kontrolli.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew dawk previsti.

L-OLAF jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż spezzjonijiet u kontrolli fuq il-post, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stipulati fir-Regolament 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/9640 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' għotja jew kuntratt iffinanzjat miċ-Ċentru ta' Kompetenza.

Ftehimiet, deċiżjonijiet u kuntratti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jkun fihom dispożizzjonijiet li, b'mod espliċitu, jagħtu l-poter lill-Kummissjoni, liċ-Ċentru ta' Kompetenza, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF biex iwettqu dawn l-awditi u l-investigazzjonijiet, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jiżgura li jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-membri tiegħu kif xieraq billi jagħmel jew jikkummissjona verifiki interni u esterni adegwati.

Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jaderixxi mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fir-rigward ta' investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF). Iċ-Ċentru ta' Kompetenza għandu jadotta l-miżuri meħtieġa biex jiffaċilita l-investigazzjonijiet interni mwettqin mill-OLAF.

Iċ-Ċentru ta' Kompetenza se jadotta strateġija kontra l-frodi, ibbażata fuq analiżi tar-riskju tal-frodi u kunsiderazzjonijiet tal-kostijiet meta mqabblin mal-benefiċċji. Dan għandu jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni bl-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kontra kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, bl-irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament u, fejn xieraq, permezz ta' penali amministrattivi u finanzjarji li jkunu effikaċi, proporzjonali u dissważivi.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji ġodda tan-nefqa proposti

- Linji baġitarji ġodda mitluba

  Fl-ordni skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji:

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Għadd	Diff./mhux diff[38].	mingħand pajjiżi tal-EFTA[39]	mingħand pajjiżi kandidati[40]	mingħand pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju
Intestatura 1: Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	01 02 XX XX Ċentru ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà ta' Orizzont Ewropa - nefqa ta' appoġġ 01 02 XX XX Ċentru ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà ta' Orizzont Ewropa 02 06 01 XX Ċentru ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà ta' Ewropa Diġitali - nefqa ta' appoġġ 02 06 01 XX Ċentru ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà ta' Ewropa Diġitali	Diff.	IVA	IVA (jekk speċifikat fil-programm ta' ħidma annwali)	IVA (limitat għal xi partijiet tal-Programm)	LE

[38] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

[39] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

[40] Pajjiżi kandidati u, fejn ikun applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.

- Il-kontribuzzjoni għal dawn il-linji baġitarji hija mistennija li tiġi minn:

miljuni ta' EUR (sa tliet postijiet deċimali)

Linja baġitarja	Sena 2021	Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	**Total**
01 01 01 01 Nefqa relatata ma' persunal temporanju ta' uffiċjali tar-riċerka - Orizzont Ewropa	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	**pm**
01 01 01 02 Persunal estern fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' riċerka - Orizzont Ewropa	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	**pm**
01 01 01 03 - Nefqa maniġerjali oħra għar-riċerka - Orizzont Ewropa	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	**pm**
01 02 02 Sfidi globali u Kompetittività Industrijali	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm	**pm**
02 01 04 appoġġ amministrattiv - Programm Ewropa Diġitali	1,238	3,030	3,743	3,818	3,894	3,972	4,051	**23,746**
02 06 01 Ċibersigurtà - Programm Ewropa Diġitali	284,892	322,244	327,578	248,382	253,295	258,214	263,316	**1.957,922**
Nefqa totali	**286,130**	**325,274**	**331,320**	**252,200**	**257,189**	**262,186**	**267,368**	**1.981,668**

Il-kontribuzzjoni mill-pakkett finanzjarju tar-raggruppament "Soċjetà Inklużiva u Sigura" tal-Pilastru II "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali" ta' Orizzont Ewropa (pakkett totali ta' EUR 2 800 000 000) imsemmija fl-Artikolu 21(1)(b) se tiġi proposta mill-Kummissjoni waqt il-proċess leġiżlattiv u, fi kwalunkwe każ, qabel ma jintlaħaq ftehim politiku. Il-proposta se tkun ibbażata fuq ir-riżultat tal-proċess ta' ppjanar strateġiku kif inhu ddefinit fl-Artikolu 6 (6) tar-Regolament XXX [il-programm qafas Orizzont Ewropa].

L-ammonti msemmijin fuq ma jinkludux il-kontribuzzjoni mill-Istati Membri għall-kostijiet operazzjonali u amministrattivi taċ-Ċentru ta' Kompetenza, li jkunu proporzjonati meta maqqblin mal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet postijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**1**	Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali

			2021[41]	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	***Wara l-2027***	**TOTAL**
Titolu 1 (Nefqa tal-persunal)	Impenji = Pagamenti	(1)	0,619	1,515	1,871	1,909	1,947	1,986	2,026		**11,873**
Titolu 2 (Nefqa infrastrutturali u operazzjonali)	Impenji = Pagamenti	(2)	0,619	1,515	1,871	1,909	1,947	1,986	2,026		**11,873**
Titolu 3 (nefqa operazzjonali)	Impenji	(3)	284,892	322,244	327,578	248,382	253,295	258,214	263,316		**1.957,922**
	Pagamenti	(4)	21,221	102,765	150,212	167,336	156,475	150,124	148,074	1.061,715	**1.957,922**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-pakkett finanzjarju tal-programmi[42]	Impenji	=1+2+3	**286,130**	**325,274**	**331,320**	**252,200**	**257,189**	**262,186**	**267,368**		**1.981,668**
	Pagamenti	=1+2+4	**22,459**	**105,795**	**153,954**	**171,154**	**160,369**	**154,096**	**152,126**	**1.061,715**	**1.981,668**

41 L-approprjazzjonijiet tal-persunal huma meqjusin biss għal nofs sena fl-2021

42 L-approprjazzjonijiet totali stabbiliti huma marbutin biss mar-riżorsi finanzjarji tal-UE ddedikati għaċ-ċibersigurtà minn Ewropa Diġitali. Il-kontribuzzjoni mill-pakkett finanzjarju tar-raggruppament "Soċjetà Inklużiva u Sigura" tal-Pilastru II "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali" ta' Orizzont Ewropa (pakkett totali ta' EUR 2 800 000 000) imsemmija fl-Artikolu 5 (1)(b) se tiġi proposta mill-Kummissjoni waqt il-proċess leġiżlattiv u, fi kwalunkwe każ, qabel ma jintlaħaq ftehim politiku. Il-proposta se tkun ibbażata fuq ir-riżultat tal-proċess ta' ppjanar strateġiku kif inhu ddefinit fl-Artikolu 6 (6) tar-Regolament XXX [il-programm qafas Orizzont Ewropa].

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	"Nefqa amministrattiva"

miljuni ta' EUR (sa tliet postijiet deċimali)

		2021	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	***Wara l-2027***	**TOTAL**
Riżorsi umani		3,090	3,233	3,233	3,233	3,233	3,233	3,805		**23,060**
Nefqa amministrattiva oħra		0,105	0,100	0,104	0,141	0,147	0,153	0,159		**0,909**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)	**3,195**	**3,333**	**3,337**	**3,374**	**3,380**	**3,386**	**3,964**		**23,969**

miljuni ta' EUR (sa tliet postijiet deċimali)

		2021	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	***Wara l-2027***	**TOTAL**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURI kollha tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	**289,325**	**328,607**	**334,657**	**255,574**	**260,569**	**265,572**	**271,332**		**2.005,637**
	Pagamenti	**25,654**	**109,128**	**157,291**	**174,528**	**163,749**	**157,482**	**156,090**	**1.²061,715**	**2.005,637**

3.2.2. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet postijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	3,090	3,233	3,233	3,233	3,233	3,233	3,805	**23,060**
Nefqa amministrattiva oħra	0,105	0,100	0,104	0,141	0,147	0,153	0,159	**0,909**
Subtotal għall-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	**3,195**	**3,333**	**3,337**	**3,374**	**3,380**	**3,386**	**3,964**	**23,969**

Barra l-INTESTATURA 7[43] tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	1,238	3,030	3,743	3,818	3,894	3,972	4,051	23,746
Subtotal barra l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	**1,238**	**3,030**	**3,743**	**3,818**	**3,894**	**3,972**	**4,051**	**23,746**

TOTAL	**4,433**	**6,363**	**7,079**	**7,192**	**7,274**	**7,358**	**8,016**	**47,715**

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal infiq ieħor ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati b'approprjazzjonijiet mid-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew intużaw mill-ġdid fid-DĠ, flimkien, jekk dan ikun hemm bżonn, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ maniġerjali skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

L-approprjazzjonijiet imsemmijin fuq meħtieġa għar-riżorsi umani u nefqa oħra ta' natura amministrattiva barra mill-Intestatura 7, jikkorrispondu għall-ammonti koperti mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni mill-Programm Ewropa Diġitali.

[43] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji 'BA'), riċerka indiretta, riċerka diretta.

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u nefqa oħra ta' natura amministrattiva barra mill-Intestatura 7 se jiżdiedu bl-ammonti koperti mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni mill-Programm Orizzont Ewropa, ladarba l-kontribuzzjoni mill-pakkett finanzjarju tar-raggruppament "Soċjetà Inklużiva u Sigura" tal-Pilastru II "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali" ta' Orizzont Ewropa (pakkett totali ta' EUR 2 800 000 000) msemmija fl-Artikolu 21 (1) (b) se jiġu proposti mill-Kummissjoni waqt il-proċess leġiżlattiv u, fi kwalunkwe każ, qabel ma jintlaħaq ftehim politiku.

L-ammonti ta' approprjazzjonijiet imsemmijin fuq meħtieġa għar-riżorsi umani u nefqa oħra ta' natura amministrattiva barra mill-Intestatura 7, ma jinkludux il-kontribuzzjoni mill-Istati Membri għall-kostijiet amministrattivi taċ-Ċentru ta' Kompetenza, proporzjonata meta mqabbla mal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni.

3.2.2.1. Ir-rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani fi-Kummissjoni

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.
- ■ Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi l-użu tar-riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima għandha tingħata f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

Snin		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
• Karigi fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)								
Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni		20	21	21	21	21	21	22
Delegazzjonijiet								
Riċerka								
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għal Full-Time: FTE) - AC, AL, END, INT u JED [44] Intestatura 7								
Iffinanzjati mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	- fil-Kwartieri Ġenerali	3	3	3	3	3	3	3
	- fid-Delegazzjonijiet							
Iffinanzjati mill-pakkett tal-programm [45]	- fil-Kwartieri Ġenerali							
	- fid-Delegazzjonijiet							
Riċerka								
Oħrajn (speċifika)								
TOTAL		**23**	**23**	**24**	**24**	**24**	**25**	**25**

Ir-riżorsi umani mitluba għandhom jiġu mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-immaniġġjar tal-azzjoni u/jew ġie riallokat fid-DĠ, flimkien, jekk inhu meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jimmaniġġja skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Il-koordinazzjoni, il-monitoraġġ u t-tmexxija tal-kompiti fdati liċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà, inklużi kostijiet ta' appoġġ u koordinazzjoni. L-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-politika fil-qasam taċ-Ċibersigurtà b'rabta mal-kompiti fdati liċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà, pereżempju fir-rigward tal-istabbiliment ta' prijoritajiet għall-politika dwar ir-riċerka u l-industrija, il-kooperazzjoni ġenerali bejn l-Istati Membri u l-operaturi ekonomiċi, il-konsistenza ma' qafas futur tal-UE ta' ċertifikazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà, il-ħidma dwar ir-responsabbiltà u l-obbligu ta' kura, jew il-koordinazzjoni

44 AC = Persunal Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenzija; JPD = Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

45 Sottolimitu massimu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

	ma’ politiki dwar l-HPC, l-AI u l-ħiliet diġitali. .
Il-persunal estern	Il-koordinazzjoni, il-monitoraġġ u t-tmexxija tal-kompiti fdati liċ-Ċentru Ewropew ta’ Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà, inklużi kostijiet ta’ appoġġ u koordinazzjoni. L-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-politika fil-qasam taċ-Ċibersigurtà b’rabta mal-kompiti fdati liċ-Ċentru Ewropew ta’ Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà, pereżempju fir-rigward tal-istabbiliment ta’ prijoritajiet għall-politika dwar ir-riċerka u l-industrija, il-kooperazzjoni ġenerali bejn l-Istati Membri u l-operaturi ekonomiċi, il-konsistenza ma’ qafas futur tal-UE ta’ ċertifikazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà, il-ħidma dwar ir-responsabbiltà u l-obbligu ta’ kura, jew il-koordinazzjoni ma’ politiki dwar l-HPC, l-AI u l-ħiliet diġitali. .

3.2.2.2. Rekwiżiti stmati fir-rigward tar-riżorsi umani fiċ-Ċentru ta’ Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u ta’ Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà

	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Uffiċjali tal-Kummissjoni							
li minnhom AD							
Li minnhom AST							
li minnhom AST-SC							
Aġenti temporanji							
li minnhom AD	10	11	13	13	13	13	13
Li minnhom AST							
li minnhom AST-SC							
Aġenti Kuntrattwali	26	32	39	39	39	39	39
ENS	1	1	1	1	1	1	1
Total	**37**	**44**	**53**	**53**	**53**	**53**	**53**

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	L-implimentazzjoni operazzjonali tal-kompiti fdati liċ-Ċentru Ewropew ta’ Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà f’konformità mal-Artikolu 4 ta’ dan ir-Regolament, inklużi l-kostijiet ta’ appoġġ u koordinazzjoni.
Il-persunal estern	L-implimentazzjoni operazzjonali tal-kompiti fdati liċ-Ċentru Ewropew ta’ Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà f’konformità mal-Artikolu 4 ta’ dan ir-Regolament, inklużi l-kostijiet ta’ appoġġ u koordinazzjoni.

Ir-rekwiżiti stmati li ssemmew fuq fir-rigward tar-riżorsi umani fiċ-Ċentru ta’ Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u ta’ Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà jikkorrispondu għar-rekwiżiti stmati sabiex tiġi implimentata l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni minn Ewropa Diġitali.

Ir-rekwiżiti stmati li ssemmew fuq fir-rigward tar-riżorsi umani fiċ-Ċentru ta’ Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u ta’ Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà se tiżdied bir-rekwiżiti stmati għall-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni skont Orizzont Ewropa, ladarba l-kontribuzzjoni mill-pakkett finanzjarju tar-raggruppament “Soċjetà Inklużiva u Sigura” tal-Pilastru II “Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali” ta’ Orizzont Ewropa (pakkett totali ta’ EUR 2 800 000 000) msemmija fl-Artikolu 21 (1) (b) se jiġu proposti mill-Kummissjoni waqt il-proċess leġiżlattiv u, fi kwalunkwe każ, qabel ma jintlaħaq ftehim politiku.

3.2.2.3. Il-pjan ta' stabbiliment taċ-Ċentru ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u ta' Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà

Grupp tal-funzjoni u grad	2021	2022	2023	2024	2025	2025	2025
AD 16							
AD 15							
AD 14	1	1	1	1	1	1	1
AD 13							
AD 12							
AD 11							
AD 10							
AD 9	5	5	6	6	6	6	6
AD 8	1	1	1	1	1	1	1
AD 7	1	2	3	3	3	3	3
AD 6	1	1	1	1	1	1	1
AD 5	1	1	1	1	1	1	1
Total ta' AD	10	11	13	13	13	13	13
AST 11							
AST 10							
AST 9							
AST 8							
AST 7							
AST 6							
AST 5							
AST 4							
AST 3							
AST 2							
AST 1							
Total ta' AST							

AST/SC 6							
AST/SC 5							
AST/SC 4							
AST/SC 3							
AST/SC 2							
AST/SC 1							
Total ta' AST/SC							
TOTAL FINALI	**10**	**11**	**13**	**13**	**13**	**13**	**13**

3.2.2.4. Impatt stmat fuq il-persunal (addizzjonali) - persunal estern taċ-Ċentru ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u ta' Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà

Aġenti kuntrattwali	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Grupp ta' funzjonijiet IV	20	22	29	29	29	29	29
Grupp ta' funzjonijiet III	2	4	4	4	4	4	4
Grupp ta' funzjonijiet II	4	6	6	6	6	6	6
Grupp ta' funzjonijiet I							
Total	**26**	**32**	**39**	**39**	**39**	**39**	**39**

Sabiex tiġi żgurata n-newtralità ta' dawk preżenti, il-persunal addizzjonali fiċ-Ċentru ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u ta' Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà se jkun ikkumpensat mit-tnaqqis fl-għadd ta' uffiċjali u persunal estern (jiġifieri, il-pjan ta' stabbiliment u l-persunal estern impjegat bħalissa) fis-servizzi tal-Kummissjoni rilevanti.
L-għadd tal-persunal taċ-Ċentru ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u ta' Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà fil-punti 3.2.2.2-4 se jiġi kkumpensat kif ġej[46]:

TOTAL	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Uffiċjali tal-Kummissjoni	5	5	6	6	6	6	6
Aġenti temporanji							
Aġenti kuntrattwali	14	17	20	20	20	20	20

[46] Soġġett għall-ammont finali tal-baġit li l-implimentazzjoni tiegħu se tiġi ddelegata liċ-Ċentru ta' Kompetenza

ENS							
Total EFT	19	22	26	26	26	26	26
Għadd ta' persunal	19	22	26	26	26	26	26

Il-kumpens tar-riżorsi umani fiċ-Ċentru ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u ta' Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà se jkun proporzjonat meta mqabbel mas-sehem tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, jiġifieri 50 %.

Il-kumpens imsemmi hawn fuq huwa marbut mar-rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani fiċ-Ċentru ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u ta' Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà għall-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni minn Ewropa Diġitali.

Il-kumpens imsemmi hawn fuq se jiżdied bir-rekwiżiti stmati għall-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni skont Orizzont Ewropa, ladarba l-kontribuzzjoni mill-pakkett finanzjarju tar-raggruppament "Soċjetà Inklużiva u Sigura" tal-Pilastru II "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali" ta' Orizzont Ewropa (pakkett totali ta' EUR 2 800 000 000) msemmija fl-Artikolu 21 (1) (b) se jiġu proposti mill-Kummissjoni waqt il-proċess leġiżlattiv u, fi kwalunkwe każ, qabel ma jintlaħaq ftehim politiku.

3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☐ ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☒ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi[47] u li qed jiġi stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet postijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Stati Membri - kontribuzzjoni għan-nefqa tal-persunal	0,619	1,515	1,871	1,909	1,947	1,986	2,026	**11,873**
Stati Membri - kontribuzzjoni għan-nefqiet Infrastrutturali u operazzjonali	0,619	1,515	1,871	1,909	1,947	1,986	2,026	**11,873**
Stati Membri - kontribuzzjoni għan-nefqa operazzjonali	284,892	322,244	327,578	248,382	253,295	258,214	263,316	**1.957,922**
Approprjazzjonijiet TOTALI kofinanzjati	**286,130**	**325,274**	**331,320**	**252,200**	**257,189**	**262,186**	**267,368**	**1.981,668**

Il-kontribuzzjoni minn parti terza msemmija fuq hija marbuta biss mal-kofinanzjament proporzjonat mar-riżorsi finanzjarji tal-UE ddedikati għaċ-ċibersigurtà minn Ewropa Diġitali. Il-kontribuzzjoni minn parti terza msemmija fuq se tiżdied ladarba l-kontribuzzjoni finanzjarja mir-raggruppament "Soċjetà Inklużiva u Sigura" tal-Pilastru II "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali" ta' Orizzont Ewropa (pakkett totali ta' EUR 2 800 000 000) msemmija fl-Artikolu 21 (1) (b) tiġi proposta mill-Kummissjoni waqt il-proċess leġiżlattiv u, fi kwalunkwe każ, qabel ma jintlaħaq ftehim politiku. Il-proposta se tkun ibbażata fuq ir-riżultat tal-proċess ta' ppjanar strateġiku kif inhu ddefinit fl-Artikolu 6 (6) tar-Regolament XXX [il-programm qafas Orizzont Ewropa].

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (sa tliet postijiet deċimali)

Linja bagitarja tad-dħul:	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[48]						
	2021	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**

[47] Kontribuzzjoni in natura stmata mill-Istati Membri

[48] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

Artikolu …….							

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa affettwata(i).

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kalunkwe informazzjoni oħra).